# FIL-PRIM AWLA TAL-QORTI ĊIVILI
# SEDE KOSTITUZZJONALI

## ONOR. IMĦALLEF
## IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

**Illum it-Tnejn, 25 ta' Marzu, 2024.**

**Kawża Nru. 2**

**Rik. Nru. 85/2019 ISB**

**Dr Martin Schranz (KI 0376867M)**

**Vs**

**Dr Corinne Wood (KI 0179267M)**

**u**

**L-Avukat Ġenerali u b'digriet tat-13 ta' Jannar 2020 l-isem tal-intimat "L-Avukat Ġenerali" ġie jaqra "L-Avukat tal-Istat"**

**Il-Qorti,**

Rat ir-**Rikors** ta' **Dr Martin Schranz**, li permezz tiegħu, talab lil din il-Qorti sabiex:

1. *Tiddikjara u tiddeciedi illi r-rikorrenti ma kellu ebda mezz iehor xieraq ta' rimedju disponibbli ghalih sabiex jindirizza u jikkontesta il-ksur tad-drittijiet*

*fundamentali tiegħu mertu ta' dan ir-rikors u b'hekk kien kostrett jirrikorri għal dan ir-rimedju;*

2. *Tiddikjara u tiddeciedi illi fil-konfront tar-rikorrenti kif mexa l-oneru tal-prova fil-proceduri Wood Corinne pro et noe vs Schranz Martin (174/12 AGV) quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) fejn allegazzjonijiet magħmula minn Dr Corinne Wood ittiehdu bhala stat ta' fatt u minflok li Dr Corinne Wood kellha tipprova l-allegazzjoni tagħha, kellu jkun ir-rikorrenti li jipprova illi tali allegazzjoni kienet inveritiera wassal sabiex jigu lezi d-drittijiet tieghu;*

3. *Tiddikjara u tiddeciedi illi fil-konfront tar-rikorrenti t-trapass taz-zmien u d-dewmien fil-proceduri fejn ir-rikorrenti thalla b'access supervizjonat u thalla mingħajr uzu u tgawdija tal-propjeta' tal-kommunjoni gewwa Malta wassal sabiex jigu lezi d-drittijiet tieghu sanciti fl-Artikolu 6, 8, 14 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem kif ukoll ta' l-Ewwel Artikolu ta' l-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea kif ukoll l-Artikoli 39, 32(c), 45 u 37 tal-Kostituzzjoni;*

4. *Tiddikjara u tiddeciedi illi fil-konfront tar-rikorrenti d-decizjoni mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) fil-kawza Wood Corinne pro et noe vs Schranz Martin (174/12 AGV) li jigi pprivat mill-uzu u t-tgawdija mill-propjetajiet tal-kommunjoni hawn Malta wassal sabiex jigu lezi d-drittijiet tieghu sanciti fl-Artikolu 6, 8, 14 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem kif ukoll ta' l-Ewwel Artikolu ta' l-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea kif ukoll l-Artikoli 39, 32(c), 45 u 37 fil-Kostituzzjoni;*

5. *Tiddikjara u tiddeciedi illi fil-konfront tar-rikorrenti il-fatt li għamel erba' snin u erba' xhur b'access supervizjonat wassal sabiex jigu lezi d-drittijiet tieghu hekk kif sanciti fl-Artikolu 6, 8, 14 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem kif ukoll l-Artikoli 39, 32(c) u 45 tal-Kostituzzjoni;*

6. *Tiddikjara u tiddeciedi illi fil-konfront tar-rikorrenti il-fatt li ma giex offrut sokkors u awtorizazzjoni sabiex issir referenza kostituzzjonali mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) wassal sabiex jigu lezi d-drittijiet tieghu hekk kif sanciti fl-Artikolu 6, 13 u 14 tal-Konvenjzoni tad-Drittijiet tal-Bniedem kif ukoll l-Artikoli 39, 46 u 45 tal-Kostituzzjoni;*

7. *Tiddikjara u tiddeciedi illi kif mxew il-proceduri quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) fil-kawza Wood Corinne pro et noe vs Schranz Martin (174/12 AGV) wasslu sabiex jigu lezi d-drittijiet tieghu hekk kif sanciti fl-Artikolu 6, 8, 14 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem kif ukoll ta' l-Ewwel Artikolu ta' l-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea kif ukoll l-Artikoli 39, 32(c), 45 u 37 tal-Kostituzzjoni;*

8. *Tiddikjara u tiddeciedi illi l-fatt li ma hemm l-ebda dritt ta' appell jew redress minn digriet fejn jiddikjara talba ghal referenza kostituzzjonali bhala wahda frivola u vessatorja u dan skont l-Artikolu 46(5) kif sar fid-digriet tal-20 ta' Marzu 2019 moghti mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) fl-ismijiet Corinne Wood pro et noe vs Martin Schranz (174/12 AGV) huwa fih innifsu vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent senjatament l-Artikoli 6, 13 u 14 tal-Konvenzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem kif ukoll l-Artikoli 39, 46 u 45 tal-Kostituzzjoni.*

9. *Konsegwentament tiddikjara u tiddeciedi illi qed u/jew gew vjolati d-drittijiet tar-rikorrenti ghat-tgawdija tal-propjeta' tieghu hekk kif sanciti fl-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem kif ukoll fl-Ewwel Artikolu ta' l-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea kif ukoll l-Artikoli 32(c) u 37 tal-Kostituzzjoni;*

10. *Konsegwentament tiddikjara u tiddeciedi illi qed u/jew gew vjolati d-drittijiet tar-rikorrenti ghad-dritt ta' family life hekk kif sanciti fl-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem kif ukoll l-Artikolu 32(c) tal-Kostituzzjoni;*

11. *Konsegwentament tiddikjara u tiddeciedi illi qed u/jew gew vjolati d-drittijiet tar-rikorrenti fejn tidhol dritt ghar-rimedju effettiv hekk kif sanciti fl-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem kif ukoll ta' l-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni;*

12. *Konsegwentament tiddikjara u tiddeciedi illi qed u/jew gew vjolati d-drittijiet tar-rikorrenti li ma jigix iddiskriminat hekk kif sanciti fl-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem kif ukoll l-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni;*

13. *Konsegwentament tiddikjara u tiddeciedi illi qed u/jew gew vjolati d-drittijiet tar-rikorrenti li jkollu smiegh xieraq, decizjoni f'waqta' u reasoned u li ma jkunx hemm decizjoni ibbazata fuq unlawful jew unreliable evidence u li tinghata fi zmien xieraq u ragonevoli hekk kif sanciti fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem kif ukoll l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni;*

14. *Tiddikjara u Tiddeciedi illi l-Avukat Generali u/jew Dr Corinne Wood huma responsabbli ghal kumpens u danni sofferti mir-rikorrenti inkluz danni morali;*

15. *Tillikwida il-kumpens dovut lir-rikorrenti minhabba l-lezjoni sofferti minnu inkluz danni morali u tordna lill-intimati jew min minnhom ihallsuh dak il-kumpens hekk illikwidat.*

U dan wara illi ppremetta:

1. *Illi r-rikorrenti u l-intimata Dr Corinne Wood izzewwgu fid-9 ta' Jannar 1993 u minn dan iz-zwieg kellhom hamest itfal, Liza li twieldet fis-17 ta' Awwissu 1994, Philip li twieled fl-14 ta' Lulju 1996, Gavin li twieled fl-1 ta' Settembru 1998, Sean li twieled fl-24 ta' Novembru 1999 u Kian li twieled fit-8 ta' Awwissu 2008.*

2. *Illi r-rikorrenti u l-intimata Dr Corinne Wood ghandhom flimkien is-segwenti propjetajiet gewwa Malta:*

   a. *Flat 2, Block B, Peralta Court, Ir-Rampa ta' San Giljan, San Giljan flimkien mal-garaxx fl-istess blokka.*
   b. *Flat 1, 7, Baya Verde, Triq l-Ghomor, San Giljan*
   c. *Parking space internament immarkat bin-numru 5, (accessibbli minn Forrest Street) gewwa Palm Court, Triq il-Mensija, San Giljan*
   d. *Flat 4, Bayview Apartments, Birkirkara Road, San Giljan flimkien ma' garage fl-istess blokka.*
   e. *72, Triq Saint Mary, Sliema*

3. *Illi qabel ma' l-intimata Dr Corinne Wood intavolat proceduri ghas-separazzjoni kontensjuza, l-istess Dr Corinne Wood kienet u ghada s'issa*

*tghix gewwa d-dar matrimonjali 19, Main Street, St Julians, filwaqt bi ftehim ir-rikorrenti meta kien ikun Malta kien jirrisjedi gewwa Flat 2, Block B, Peralta Court, Ir-Rampa ta' San Giljan u dan skont ftehim interim li dahhlu l-partijiet sabiex jippruvaw issalvaw iz-zwieg taghhom bi prova ta' sena.*

4. *Illi l-intimata Dr Corinne Wood intavolat proceduri ta' separazzjoni kontensjuzi mis-sena 2012 u dana wara l-intimata Dr Corinne Wood fit-2 ta' Awwissu 2012 intavolat il-kawza ta' separazzjoni kontra r-rikorrenti quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja). Illi dawka l-proceduri ghadhom pendenti sal-lum bl-isem Dr Corinne Wood pro et noe vs Dr Martin Schranz (174/12 AGV).*

***Ksur ta' l-Artikoli 6, 8, 13 u 14 tal-Konvenzjoni Ewropean tad-Drittijiet tal-Bniedem u ksur ta' l-Artikoli 39, 32(c), 46 u 45 tal-Kostituzzjoni – Access Supervizjonat/Oneru ta' Prova/Trapass taz-Zmien/Nuqqas ta' Provi***

5. *Illi fil-bidu tal-proceduri saret allegazzjoni mill-intimata, Dr Corinne Wood li r-rikorrenti huwa suwicidjali, kif ukoll hedda b'suwicidju u kif ukoll li pprova jwegga' lilu nnifsu u lil uliedhom f'Ta' Cenc. Dawn l-allegazzjonijiet saru* ***fl-affidavit ta' l-intimata Dr Corinne Wood ddatat 12 ta' Novembru 2013****. Dawna l-allegazzjonijiet kif ukoll iktar allegazzjonijiet ikkuluriti da parti ta' l-intimata Dr Corinne Wood saru tul il-kawza kollha fid-diversi rikorsi, risposti u atti inkluz l-affidavit ulterjuri taghha intavolati mill-intimata Dr Corinne Wood.*

6. *Illi minhabba dawna l-allegazzjoni mhux ipprovata,* ***l-access tar-rikorrenti ma' ibnu Kian (l-izghar fost uliedu) beda jsir taht supervizzjoni mis-supervisors ta' l-Agenzija Appogg. L-ewwel digriet f'dan is-sens inghata seduta stante fis-26 ta' Marzu 2014.*** *Minn dak in-nhar il-quddiem l-access baqa taht supervizjoni u dan sat-30 ta' Lulju 2018 meta l-access ma baqax taht supervizzjoni ghar-ragunijiet li se jigu spjegati hawn taht.*

7. *Illi minkejja li* ***l-Agenzija Appogg kienet ipprezentat nota ddatata 23 ta' April 2014*** *fejn qalet li r-rikorrenti kellu, "****attitudni pozittiva****" u l-minuri*

*beda jirrelata ahjar mal-missier fit-tieni seduta, l-allegazzjonijiet mhux ippruvata ta' l-intimata Dr Corinne Wood baqghet ipprevaliet.*

8. *Illi **fis-26 ta' Mejju 2014 ir-rikorrenti intavola rikors iehor sabiex ikollu access ma' ibnu** fiz-zmien meta kien se jkun Malta. Ovvjament it-talba ma sarietx biex l-access issir taht supervizjoni. **Fir-risposta ta' l-intimata Dr Corinne Wood iddatata 30 ta' Mejju 2014** l-intimata Dr Corinne Wood opponiet ghal tali access. Fil-fatt f'dina r-risposta, l-intimata Dr Corinne Wood qalet is-segwenti: "**Illi l-esponenti ghandha r-riservi taghha fuq kemm ir-rikorrenti huwa f'sensieh, tenut kont l-agir tar-rikorrenti**." Illi l-intimata Dr Corinne Wood naqset milli tghid li kienet qed tahdem biex taljena t-tfal minn mieghu u imliet it-tfal kollha kontrih. Fl-istess risposta regghet tenniet l-allegazzjoni taghha biex tkompli taghtiha s-sahha u regghet qalet is-segwenti: "**Illi l-agir tar-rikorrenti mhux agir ta' persuna f'sensieha**." Wiehed jista' jara li fl-ewwel allegazzjoni l-intimata Dr Corinne Wood kellha "r-riservi" izda ftit wara dawna "r-riservi" gew stat ta' fatt! Fil-fatt f'dina r-risposta l-intimata Dr Corinne Wood regghet irrepetiet l-allegazzjoni inveritieri li kienet qalet fl-affidavit taghha u fit-trattazzjoni ghall-ewwel access li kellu r-rikorrenti. Fil-fatt f'dina r-risposta hija qalet is-segwenti: "**Illi kif diga giet infurmata l-Qorti waqt it-trattazzjoni tar-rikors ghall-access fis-26 ta' Marzu 2014, ir-rikorrenti, kien qedded xi snin ilu illi se jqabbez it-tfal minn fuq l-Irdum Ta' Cenc, Ghawdex. Illi dan l-agir mhux ta' bniedem f'sensieh u ghalhekk huwa ta' periklu kbir ghall-minuri Kian. Illi l-istess rikorrenti meta kien Malta, ghamel zmien jigi kkurat mill-psikjatri Dr Etienne Muscat u Dr Joseph Saliba. Illi llum r-rikorrenti jara psikjatra l-Irlanda**."*

9. *Illi **fis-26 ta' Novembru 2014 ir-rikorrenti rega' intavola rikors iehor fejn ghal darb'ohra talab li jkollu access ghal ibnu Kian**. Ghal darb'ohra **l-intimata Dr Corinne Wood fir-risposta taghha ddatata 10 ta' Dicembru 2014** regghet qalet l-istess alleggazzjonijiet u cioe' l-allegazzjoni li pprova jaqbez bit-tfal minn fuq Ta' Cenc, qalet ukoll li huwa ghamel zmien li ried jikkommetti suwicidju u li qieghed taht kura psikjatrika fl-Irlanda – ovvjament dan kollu minghajr l-ebda xrar ta' prova. U ghal darb'ohra minkejja li ma ngabet l-ebda prova fuq l-istat mentali tar-rikorrenti, l-Qorti strahet fuq allegazzjonijiet mhux ippruvati u **fid-digriet taghha ddatat 11 ta' Dicembru 2014 iddegretat li l-access ikun taht supervizzjoni mill-Agenzija Appogg**.*

10. *Illi fit-**2 ta' Dicembru 2014 ir-rikorrenti intavola rikors fejn issenjala li l-allegazzjonijiet ta' Dr Wood fuq is-sahha mentali tar-rikorrenti huma nfondati**. Dan sar minhabba li l-allegazzjonijiet ta' Dr Wood bdew jittiehdu bhala stat ta' fatt u l-Qorti ma rathomx ghal dawk li kienu u cioe' merament allegazzjonijiet. Illi huwa intavola dana r-rikors revoka ghax beza' li minhabba li mhux se jkollu post hawn Malta fejn jirrisjedi (punt li se jigi diskuss iktar tard f'dana r-rikors odjern) u minhabba l-fatt li l-access huwa taht supervizzjoni r-relazzjoni tar-rikorrenti ma' uliedu se tkun tkissret b'mod irreparabbli. **U ghalhekk talbet li d-digriet tal-Qorti ta' l-10 ta' Novembru 2014 jigi rrevokat contrario imperio u tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti ta' l-20 ta' Ottubru 2014. Illi fis-16 ta' Dicembru 2014 l-intimata Dr Corinne Wood ipprezentat ir-risposta taghha**. Illi f'dina r-risposta hija regghet allegat li r-rikorrenti **kien suwicidjali u ghandu problemi serji u li mhux f'siktu**. Illi permezz tad-digriet tad-**19 ta' Dicembru 2014 il-Qorti cahdet it-talbiet tar-rikorrenti milli fost ohrajn ikollu access ghal propjeta' hawn Malta kif ukoll iddegretat li l-access tar-rikorrenti ghal ibnu Kian ghandu jibqa' taht supervizzjoni** ghal hin globali ta' sitt sieghat fil-gimgha meta huwa jkun Malta u cioe' kull nhar ta' Tlieta u Hamis mill-4pm sas-6pm u b'mod alterant minn gimgha ghal gimgha, darba s-Sibt u darba l-Hadd mill-4pm sas-6pm u tali access kellu jsir gewwa l-bini ta' l-Agenzija Appogg.*

11. *Illi fit-**12 ta' Jannar 2015 l-Agenzija Appogg ipprezentat nota** fejn qalet is-segwenti: "**Li l-minuri deher kunfidenti u kuntent waqt iz-zewg sessjonijiet ta' access, filwaqt li l-missier ha hsieb il-bzonnijiet tal-minuri waqt l-access**." Illi fl-ebda hin fin-nota l-Agenzija Appogg ma wriet li kien hemm xi biza dwar l-imgieba jew is-sahha mentali tar-rikorrenti, izda minkejja dan l-access xorta baqa' taht supervizzjoni. Izda ghall-intimata Dr Corinne Wood, l-allegazzjonijiet fuq is-sahha mentali tar-rikorrenti komplew jizdiedu sabiex tissolidifa li l-access jibqa' taht supervizjoni.*

12. *Illi wara n-nota ta' l-Agenzija Appogg ddatata 12 ta' Jannar 2015, l-intimata Dr Wood riedet terga' tpoggi lir-rikorrenti f'dell ikrah u **f'affidavit ulterjuri taghha ddatat 30 ta' Jannar 2015** hija qalet is-segwenti: "**Nghid li Martin huwa tip ta' sociopath**." Qalet ukoll, "**Jien u t-tfal sfajna vittmi ta' din il-persuna b'personality disorder**." Illi dan inghad sabiex jikkancella l-kliem pozittiv ta' l-Agenzija Appogg.*

13. *Illi di fatti, sussegwenti n-nota ta' l-Agenzija Appogg* ***ir-rikorrenti intavola rikors ddatat 17 ta' Marzu 2015 sabiex jizdied l-access u jitnehha s-supervizzjoni mill-access u f'nuqqas li s-supervizzjoni ma titnehhiex, almenu (mhux ideali imma sar hekk sabiex jigi almenu ma jibqax access ristrett hafna) s-supervizzjoni ssir minn huh, Mark Schranz u mhux mill-Agenzija Appogg****. Ghal kuntrarju ta' l-intimata Dr Wood, kien hemm provi konkreti kemm fin-nota ta' l-Agenzija Appogg u kif ukoll fl-affidavit ta' Mark Schranz, hu r-rikorrenti, liema affidavit gie anness mar-rikors fejn taht gurament intqal li r-rikorrenti mhuwiex ta' periklu. Fil-fatt ir-rikorrenti gab provi f'ritratti fejn juru diversi safar fejn sa sena qabel is-separazzjoni huwa siefer wahdu ma uliedu jew uhud minnhom, u fil-fatt fis-sena 2014 u cioe' sentejn minn meta nfethet is-separazzjoni Philip u Sean marru jaraw lir-rikorrenti gewwa l-Irlanda wahedhom. Kieku kien hemm xi bazi ghall-allegazzjonijiet ta' l-intimata Dr Wood, zgur li Dr Wood ma kienetx tippermetti dan.* ***Fil-fatt f'dana r-rikors gie ssenjalat li access b'supervizjoni huwa temporanju u jekk iddum ghal hafna se jimpingi fuq id-drittijiet fundamentali tal-bniedem tar-rikorrenti****. Fir-risposta taghha tad-***9 ta' April 2015 Dr Corinne Wood regghet qalet l-istess allegazzjonijiet***. Qalet li huwa kien mar ghand Dr Etienne Muscat ghax kien se jghamel suwicidu.* ***Izda Dr Etienne Muscat giddeb lill-intimata Dr Corinne Wood, fejn qal fix-xhieda tieghu li r-rikorrenti kellu biss suicidal ideation fis-sena 2011 biss u cioe' l-perijodu meta l-intimata Dr Wood kienu bdew/ghaddejjin il-medjazzjoni u cioe' dan kien minhabba l-problemi maritali li kellu u fejn kien mar jitlob l-ghajnuna u fil-fatt Dr Muscatt irrilaxxa l-ghada stess ghax fi kliemu: "resolved acquity with time and sleep"****. Dr Muscat qatt u qatt ma qal li r-rikorrenti qatt ipprova jghamel suwicidju! Rigward ir-rikors u r-risposta l-Qorti ordnat fis-7 ta' April 2015 li dawn jigu nnotifikati lill-Avukat tat-Tfal, Dr Stephanie Galea sabiex tipprezenta risposta f'isem il-minuri.* ***Fit-13 ta' April 2015, l-Avukat tat-Tfal, qalet li wiehed irrid jistenna rizultati minn psikjatri qabel ma jigi afdat access minghajr supervizjoni izda rrakkomandat li s-supervizzjoni tista' ssir minn Mark Schranz, hu r-rikorrenti. Fil-fatt fid-digriet ta' l-14 ta' April 2015 il-Qorti qaghdet fuq ir-rakkomandazzjonijiet ta' l-Avukat tat-Tfal u jekk Mark Schranz ma jistax, l-access xorta jsir mill-Agenzija Appogg****.*

14. *L-**Agenzija Appogg fin-nota taghhom ddatata 17 ta' April 2015** ghal darb'ohra regghu qalu: "**Li l-minuri u missieru jidhru li ghandhom relazzjoni tajba…Il-minuri deher kunfidenti u kuntent waqt l-access u l-missier ha hsieb li l-bzonnijiet tal-minuri waqt l-access jigu milqugha."** Minkejja n-noti pozzittivi ta' l-Agenzija Appogg – l-access xorta wahda baqa' taht supervizzjoni u minkejja li l-allegazzjonijiet ta' suwicidji, ta' sociopathy u problemi mentali kienu biss alleggazzjonijiet mhux ippruvati.*

15. ***__Illi l-oneru tal-prova kien inqeleb__**. Dana kien inqeleb ghax kien propju r-rikorrenti li kellu jibda' l-proceduri biex innaddaf ismu minn din l-allegazzjoni u **fil-fatt kien talab il-Qorti sabiex tahtar psikjatra halli tezaminah la darba l-access minghajr supervizzjoni gie abbinat ma konkluzjoni psikjatric**i. **Fil-fatt it-talba giet ittratata fit-23 ta' Gunju 2015 izda l-Qorti ma haditx decizjoni dak in-nhar u rriservat li tipprovdi fi stadju ulterjuri**.*

16. *Illi bhal dejjem fis-**17 ta' Lulju 2015 l-Agenzija Appogg regghet ipprezentat nota** fejn qalet is-segwenti: "**Li l-access kien wiehed pozittiv fejn il-minuri deher komdu fil-prezenza ta' missieru filwaqt li missieru ikkomunika b'mod tajjeb mal-minuri u hafna mill-hin tal-access qattghuh jilghabu flimkien**."*

17. *Illi fis-**7 ta' Awwissu 2015 ir-rikorrenti kellu jintavola rikors revoka u dana ghaliex il-Qorti permezz ta' digriet ddatat 30 ta' Gunju 2015 fuq allegazzjoni ta' l-attrici li ma kelliex x'taqsam mal-minuri Kian qabdet u ssosspendiet l-access**! Fil-fatt fl-istess rikors kien saret **referenza ghall-artiklu 9(1), (2) u (3) tal-Konvenzjoni tal-Gnus Maghquda fuq id-Drittijiet tat-Tfal**. Izda fir-**risposta taghha ddatata 2 ta' Settembru 2015 Dr Wood kompliet bl-allegazzjoni taghha fuq l-istat mentali tar-rikorrenti, fejn regghet qalet is-segwenti: "…ir-rikorrenti mhux mentalment stabbli u dan meta hedded lil martu illi kien se jqabbez it-tfal minn fuq l-Irdum ta' Ta' Cenc, Ghawdex, ghaliex ipprova jikkometti suwicidju**." Permezz tad-**digriet tas-17 ta' Settembru 2015 il-Qorti rrevokat contrario imperio d-digriet taghha tat-30 ta' Gunju 2015 u regghet istitwit l-access taht supervizzjoni ta' Mark Schranz u fin-nuqqas ta' l-Agenzija Appogg**.*

18. *Fit-**2 ta' Awwissu 2016 ir-rikorrenti permezz ta' rikors talab li jsiefer bil-minuri Kian. Ir-risposta tat-12 ta' Awwissu 2016 ta' Dr Wood** kellha l-allegazzjoni standard li r-rikorrenti huwa bniedem suwicidjali u din id-darba s-sentenza kienet in bold ukoll biex tigebd l-ghajn: "**Illi r-rikorrenti ghandu problemi psikjatrici serji, tant illi pprova joqtol ruhhu b'idejh**." **Wara dan it-talba tar-rikorrenti l-Qorti permezz ta' digriet ddatat 17 ta' Awwissu 2016 cahdet ir-rikors tar-rikorrenti a bazi li l-access huwa wiehed taht supervizzjoni**.*

19. *Illi dawna l-allegazzjonijiet regghu gew irrepetuti **fin-nota ta' osservazzjonijiet ta' Dr Wood iddatata 13 ta' Jannar 2017**.*

20. *Illi permezz <u>tad-digriet ddatat 27 ta' Mejju 2017 l-access supervizjonat rega' gie ordnat li jsir mill-Agenzija Appogg</u>!*

21. *Illi **fil-fatt l-unika mezz illi l-access ma jibqax taht supervizzjoni kienet li l-oneru tal-prova jigi invertit u minn ma allegax kellu jipprova li l-allegazzjoni hija falza**!*

22. *Fil-**5 ta' Ottubru 2017 ir-rikorrenti ghamel attentat iehor sabiex inehhi l-access minn wiehed supervizjonat kif ukoll jizdied il-hin ta' l-access**. Talab ukoll li jixhdu s-supervisors li jkunu prezenti ghall-access.*

23. *<u>Illi l-fatt illi dawna r-rikorsi wiehed wara l-iehor lkoll gew michuda wasslu lir-rikorrenti sabiex ma jkollu l-ebda triq ohra ghajr li jipprova li huwa mentalment stabbli</u>. Ghalhekk waqt **is-seduta tal-21 ta' Novembru 2017 gie vverablizzat is-segwenti: "Dr Mangion ghall-konvenut, titlob illi ggib il-prova illi fic-cirkostanzi attwali ma hux aktar mehtieg illi l-access ezercitat mill-missier versu l-minuri jibqa' supervizzjonat, liema prova titlob li ssir bil-hatra ta' psikjatra bhala espert gudizzjarju.**" **Il-Qorti laqghet it-talba u nnominat lil psikjatra Dr Jeanpierre Giorgio: "…sabiex jezamina lil konvenut u jevalwa l-atti u jirrelata dwar jekk fil-prezent ghadx hemm htiega li l-access tal-missier versu l-minuri jibqa' supervizjonat**." <u>Din it-talba kienet fuq talba li saret mir-rikorrenti permezz ta' rikors ddatat 1 ta' Gunju 2015 fejn talab li jinhatar psikjatra sabiex jezaminah u ghalhekk jigi ppruvat illi mhuwa mentalment stabbli. Ghalhekk wiehed jara li ghaddew sentejn u</u>*

*hames xhur qabel ma gie effettivament mahtur l-espert psikjatra Dr Jeanpierre Giorgio.*

24. ***Dan it-trapass ta' zmien iwassal ukoll sabiex gustizzja ma ssirx mar-rikorrenti**.*

25. *Illi **fil-25 ta' Gunju 2018 l-espert psikjatra Dr Jeanpierre Giorgio halef ir-rapport** u ghalhekk tali rapport seta jigi muri kemm lir-rikorrenti kif ukoll lill-intimata Dr Wood.*

26. ***Illi fir-rapport li rreda Dr Giorgio qal li r-rikorrenti kellu biss an Acute Reaction to Stress fis-sena 2011 meta telqitu Dr Wood izda qatt ma pprova jghamel suwicidju u m'ghandhu l-ebda dizordni fil-personalita' jew mentali**. Fil-fatt fil-konkluzjoni tieghu, Dr Giorgio qal is-segwenti: "**Ghaldaqstant nikkonkludi li ma stajt insib l-ebda raguni li minhabba fiha l-access ta' Dot Martin Schranz versu l-minuri ghandu jibqa' supervizjonat**."*

27. *Illi sussegwentament dan fl-**4 ta' Lulju 2018 ir-rikorrenti intavola rikors sabiex fost affarijiet ohra jigi l-access ma jibqax taht supervizzjoni**. **Illi fl-ahhar it-talba li l-access ma jibqax taht supervizzjoni giet milqugha fit-30 ta' Lulju 2018 u minn dak in-nhar s'issa l-access baqa' minghajr supervizzjoni** – liema access ukoll issa zdied minn sitt sieghat fil-gimgha ghal disa' sieghat fil-gimgha.*

28. ***Illi wara erba' snin u erba' xhur l-access ma baqax taht supervizzjoni u dana ghaliex l-oneru tal-prova gie invertit u kontra min saret l-allegazzjoni kellu jipprova li mhux minnu tali allegazzjoni.***

29. *Illi dan kollu u cioe' illi l-oneru ta' prova inqaleb; illi kien hemm trapass ta' zmien konsiderevoli fejn l-access baqa' taht supervizjoni u sakemm gie mahtur Dr Jeanpierre Giorgio; u illi l-kwalita' ta' access kien u huwa wiehed limitat kissru id-drittijiet tar-rikorrenti senjatament l-Artiklu 6, 8, 13 u 14 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem kif ukoll l-Artikoli 39, 32(c), 46 u 45 tal-Kostituzzjoni.*

***Ksur ta' l-Artikoli 6, 8, 13, 14 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem kif l-Ewwel Artikolu ta' l-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni***

***<u>Ewropea, kif ukoll l-Artikoli 39, 32(c), 46, 45 u 37 tal-Kostituzzjoni – Access u Dritt li juza u/jew jirrisjedi f'wada mill-propjetajiet hawn Malta/Trapass taz-Zmien/Nuqqas ta' Provi</u>***

30. *Illi permezz ta'* ***rikors ddatat 29 ta' Mejju 2014 huwa talab sabiex jigi awtorizzat jirrisjedi f'wahda mill-erba' propjetajiet hawn Malta*** *(eskluza d-dar matrimonjali fejn kienet tirrisjedi Dr Corinne Wood) li hu u Dr Corinne Wood kellhom. Il-propjeta' diezami kienet Flat 2B, Peralta Court, Ir-Rampa ta' San Giljan, Malta. Ir-raguni kienet is-segwenti: "****Illi huwa l-ghan tar-rikorrenti li jghix hawn Malta sabiex ikun vicin it-tfal."*** *Illi sar dana r-rikors ghax Dr Corinne Wood cahdet l-access ghal dawna l-propjetajiet lir-rikorrenti u taghha.* ***Illi fir-risposta taghha Dr Corinne Wood allegat li l-propjeta' imsemmija kienet tinstab mikrija. Izda, Dr Corinne Wood naqqset milli ggib prova ta' dina l-kirja u ghalhekk minghajr prova tikkorobora dina l-allegazzjoni l-Qorti qaghdet fuq l-allegazzjoni ta' Dr Corinne Wood u di fatti fid-digriet taghha tat-8 ta' Lulju 2018, il-Qorti cahdet it-talba u dana fuq ir-raguni segwenti: "Peress li l-fond mertu tar-rikors jinsab mikri."*** *Izda kif jista' l-Qorti ddecidiet li l-fond huwa mikri jekk ma ngabet l-ebda prova?*

31. *Illi mentri lir-rikorrenti l-Qorti fejn dehrilha li hemm bzonn tigi kkorroborata l-kontenut fl-atti li huwa jkun ippreznta kienet tordna sabiex jigu pprezentat atti dokumentarji bhal kif gie ordnat fid-digiret tat-2 ta' Dicembru 2014 u li r-rikorrenti obda permezz tan-nota tieghu ddatata 12 ta' Dicembru 2014, l-Qorti qatt ma talbet lill-intimata Dr Wood sabiex tikkoroborra l-allegazzjonijiet inveritieri li qalet fuq ir-rikorrent jew li hija kienet qeghda tikri l-propjetajiet ta' Malta. Illi ghalhekk apparti li dan jwassal ghal ksur fl-Artiklu 6, jwassal ukoll ghal ksur ta' l-Artiklu 14 tal-Kovenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem kif ukoll ghal ksur ta' l-Artikoli 39 u 45 tal-Kostituzzjoni.*

32. *Illi di fatti permezz ta' digriet iehor moghti fl-istess jum u cioe' fit-8 ta' Lulju 2014 izda dan wara r-rikors ta' Dr Wood tas-17 ta' Frar 2014, il-Qorti fost affarijiet ohra ddegretat is-segwenti: "****Tawtorizza lill-attrici tikri lil terzi l-propjeta' immobiljari appartenenti l-komunjoni tal-akkwisti li tinstab hawn Malta filwaqt li l-konvenut jikri l-propjeta' tal-komunjoni li tinstab gewwa l-Irlanda****." Illi b'dana id-digriet il-Qorti effettivament*

*iddeprivat lir-rikorrenti minn kull propjeta' li kellu fil-kommunjoni f'Malta u cioe' erba' residenzi, car space u zewg garaxxijiet!*

33. *Illi permezz ta' digriet ddatat 8 ta' Lulju 2014 il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) effettivament inneggat lir-rikorrenti uzu u tgawdija tal-propjeta' tieghu hawn Malta u dan ikkawzat is-segwenti pregudizzji: 1) li jkun jista' jgawdi l-propjeta' tieghu jew almenu wahda minnhom tul il-proceduri; 2) li impediet ir-rikorrenti milli verament jkun jista' jghix Malta; 3) ikkrejat diffikultajiet serji fejn jidhol it-tgawdija ta' l-access ma' ibnu u dana ghaliex kull darba li kellu jigi Malta kellu jhallas akkomodazzjoni. Dan huwa ksur tal-Ewwel Artikolu ta' l-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea kif ukoll ksur ta' l-Artikolu 6, 8, 13, 14 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem kif ukoll ksur ta' l-Artikoli 39, 32(c), 46, 45 u 37 tal-Kostituzzjoni.*

34. *Illi r-rikorrenti ghamel referenza tul il-proceduri kollha li d-drittijiet tieghu gew lezi u fil-fatt intavola zewgt rikorsi sabiex issir referenza kostituzzjonali, b'wiehed mir-rikors gie ddegretat fejn it-talba giet michuda u rikors l-iehor ghadu pendenti. Il-fatt li t-talba giet michuda f'rikors minnhom bhala frivolu u vessatorju, u f'rikors l-iehor tali talba ghadha pendenti jwassal ghal ksur ta' l-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. Il-fatt li ma hemm l-ebda forma ta' appell minn digriet tal-Qorti fl-Ewwel Istanza minn digriet li jiddikjara illi t-talba ghal referenza kostituzzjonali hija wahda frivola u vessatorja, u f'dawna l-proceduri hija l-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) fejn cahdet tali talba permezz tad-digriet ddatat 20 ta' Marzu 2019 u dan wara r-rikors tad-19 ta' Frar 2019 huwa fih innifsu ksur ta' l-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. Illi percio' l-Artikolu 46 (5) tal-Kostituzzjoni fih innifsu mhux qieghed jirrispetta d-dritt ta' rimedju effettiv u qieghed jinnega u jcahhad ir-rikorrenti milli jkollu tali rimedju effettiv ghal ksur tad-drittijiet tieghu.*

***Il-Ksur ta' l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni:***

35. *Illi r-rikorrenti kellu d-dritt ghal smiegh xieraq (fair trial) fejn dan kif gie senjalat hawn fuq u kif ser jigi ppruvat fil-mori tal-kawza gie lez.*

36. *Illi r-rikorrenti kellu d-dritt ghal a reasoned decision. Illi dan ma sehhx izda l-Qorti strahet fuq unlawful and unreliable evidence kif gie senjalat hawn fuq u kif ser jigi ppruvat fil-mori tal-kawza.*

37. *Illi r-rikorrenti kellu d-dritt li l-proceduri jitnemmu within a reasonable time. Dan ma sehhx. Sabiex ikollu access mhux supervizjonat ghaddew erba' snin u erba' xhur. L-access ghadu wiehed limitat hafna u ghadu s'issa m'ghandhu l-ebda access u dritt li jirrisjedi u juza propjeta' tal-kommunjoni li tinsab hawn Malta.*

***Il-Ksur ta' l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem kif ukoll l-Artikolu 32(c) tal-Kostituzzjoni***

38. *Illi r-rikorrenti kellu d-dritt li jkollu a family life u l-konnottazzjonijiet kollha taghha ma' ibnu Kian izda dan gie lez kif senjalat f'dana r-rikors u kif ser jigi ppruvat fil-mori tal-kawza.*
39. *Illi r-rikorrenti kellu d-dritt li jgawdi Flat 2, Block B, Peralta Court, Ir-Rampa ta' San Giljan, San Giljan bhala r-residenza (dar) tieghu izda dana gie lez.*

***Il-Ksur ta' l-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem kif ukoll ta' l-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni***

40. *Illi r-rikorrent kellu d-dritt li jkollu an effective remedy. Illi kif gie ssenjalat f'dana r-rikors u kif ser jigi ppruvat fil-mori tal-kawza, dana d-dritt fundamentali gie lez. Illi in oltre r-rikorrenti ma kellux rimedju effettiv sabiex jkun jista' tinghatalu lura access jew dritt li juza l-propjeta' tieghu f'Malta tal-kommunjoni jew minn minhom.*

***Il-Ksur ta' l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem kif ukoll l-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni***

41. *Illi r-rikorrenti kellu d-dritt li ma jigix ddiskriminat. Illi kif gie ssenjalat f'dana ir-rikors u kif ser jigi ppruvat fil-mori tal-kawza, dana d-dritt fundamentali gie lez.*

***Il-Ksur ta' l-Ewwel Artikolu ta' l-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem kif ukoll l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni***

42. *Illi r-rikorrenti kellu d-dritt li ma jigix mcahhad mill-propjeta' tieghu. Il-fatt li ma thalliex ikollu access ghal ta' l-inqas propjeta' wahda f'Malta effettivament wassal biex id-dritt fundamentali tar-rikorrenti gie lez.*

Rat id-digriet tagħha kif diversament preseduta tat-3 ta' Ġunju 2019 u li permezz tiegħu l-kawża ġiet appuntata għad-9 ta' Lulju 2019 fid-9:15a.m.

Rat ir-**risposta** tal-intimati **Avukat Ġenerali** ntavolata fl-24 ta' Ġunju 2019 (fol 17) li permezz tagħha eċċepixxa:

*Illi l-lanjanza tar-rikorrenti hija fis-sens illi bid-deċiżjonijiet tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) li permezz tagħhom, għall-perjodu ta' żmien, l-aċċess tiegħu ma ibnu ż-żgħir kien wieħed superviżjonat kif ukoll il-proċess li wassal għal tali deċiżjonijiet ġew leżi id-drittijiet fundamentali tiegħu kif sanċiti bl-artikoli 6,8,13, u 14 tal-Kostituzzjoni kif ukoll l-artikoli 39, 32(c), 46 u 45 tal-Kostituzzjoni. Inoltre r-rikorrenti jallega wkoll illi d-digriet tal-Qorti tat- 8 ta' Lulju 2014 fejn permezz tiegħu il-Qorti awtorizzat lill-intimata Dr Corinne Wood sabiex tikri l-proprjetajiet immobiljari appartenenti l-komunjoni tal-akkwisti li tinsab hawn Malta jilledi d-drittijiet fundamentali hawn fuq imsemmija kif ukoll id-dritt fundamentali tiegħu sanċit bl-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea u l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u dan peress illi b'dan id-digriet il-Qorti allegatament iddeprivatu minn kull proprjeta' li kellu fil-kommunjoni f'Malta.*

1. *Fl-ewwel lok u in linea preliminari l-azzjoni tar-rikorrenti ma tiswiex in kwantu mibnija fuq l-artikolu 32(c) u l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni. Dan peress illi dawn l-artikoli ma jippreskrivux xi jedd li l-ksur tiegħu jikkostitwixxi ksur ta' xi jedd fundamentali;*

2. *Illi fit-tieni lok u in linea preliminari wkoll jidher li l-azzjoni odjerna hija intempestiva stante li r-rikorrenti ma esawriex ir-rimedji ordinarji disponibbli għaliha skont il-liġi u għalhekk din l-Onorabbli Qorti għandha tiddeklina milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tar-rikors promotur odjenr u dan ai termini tal-artikolu 4(2) tal-Konvenzjoni Ewropea u l-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni;*

3. *Fil-mertu u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet kollha tar-rikorrent huma kollha nfondati fil-fatt u fid-dritt u fl-umli fehma tal-esponent għandhom jiġu respinti għar-raġunijiet segwenti li qegħdin jiġu hawn elenkati mingħajr preġudizzju għal-xulxin:*

4. *Illi ma hemm ebda ksur tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrent, la taħt il-Kostituzzjoni u lanqas taħt il-Konvenzjoni, u għalhekk it-talbiet tiegħu għandhom jiġu miċħuda;*

***Ebda ksur tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni***

5. *Illi in kwantu r-rikorrent qiegħed jallega ksur tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni l-esponent isostni illi sabiex jiġi ddeterminat jekk ġewx leżi d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti, għandhom jitqiesu l-proċeduri kollha disponibbli għar-rikorrenti fit-totalita' tagħhom u mhux jittieħdu biss episodji mill-kawża;*

6. *Illi safejn l-ilment tar-rikorrent jirrigwarda l-fatt illi hu ma jabilx mad-digrieti mogħtija mill-Qorti tal-Familja din il-Qorti fis-Sede Kostituzzjonali tagħha, l-esponent jeċepixxi illi d-dritt għal smiegħ xieraq jiggarantixxi l-aderenza ma ċerti prinċipji proċedurali li huma konduċenti għall-amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja u mhux li tirrevedi d-digrieti tal-Qrati l-oħra biex tiddeċiedi jekk dawn ġewx deċiżi sewwa jew le;*

7. *Illi fil-każ odjern ma jirriżulta ebda ksur tad-dritt tar-rikorrent għal smiegħ xieraq u dan peress illi l-garanziji proċedurali li jridu dawn l-artikoli dejjem ġew rispettati;*

8. *Illi l-Qorti konċernata mexxiet il-proċeduri b'mod raġjonevoli fl-ambitu tal-ġustizzja;*

9. *Fi kwalunkwe każ id-deċiżjoni għadhom mhumiex definittivi u għaldaqstant ir-rikorrent ċertament ma jistax jilmenta minn ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu għal smiegħ xieraq;*

***Ebda ksur tal-artikolu 13 tal-Konevnzjoni Ewropea***

10. *Illi r-rikorrent għandu għad-dispożizzjonijeit tiegħu rimedji; rimedji illi r-rikorrent uża u għadu qiegħed juża' sa llum;*

11. *Illi l-fatt waħdu illi ċertu talbiet li r-rikorrent għamel ma ġewx milqugħa bl-ebda mod ma jfisser illi ma jeżistix rimedju prattiku u effettiv;*

12. *Illi anke kawżi kostituzzjonali jikkostitwixxu rimedju prattiku u effettiv;*

***Ebda ksur tal-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea***

13. *Għalkemm l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni jipproteġi d-dritt ta' kull individwu għar-rispett tal-ħajja privata tiegħu u tal-familja tiegħu, f'każijiet li jikkonċernaw minuri, bħal fil-każ in deżamina, hija l-prassi tal-Qrati li l-ewwel u qabel kollox jieħdu in kunsiderazzjoni l-aħjar interess tal-minuri konċernati.;*

14. *Inoltre u mingħajr preġudizzju għas-suespost, anke jekk kellu jiġi meqjus minn din l-Onorabbli Qorti li hemm interferenza fir-rigward ta' dan id-dritt, l-esponenti jeċċepixxu li dan huwa salvagwardjat permezz tat-tieni paragrafu tal-istess Artikolu in kwantu huwa skont il-liġi u meħtieġ f'soċjeta' demokratika. Id-deċiżjonijiet meħuda mill-Qorti li minnhom qiegħed jilmenta r-rikorrent jissodisfaw dawn il-kriterji;*

15. *Illi fil-każ odjern jidher biċ-ċar illi d-deċiżjonijiet tal-Qorti kienu ġustifikati, meħtieġa u proporzjonali u saru fl-aħjar interess tal-minuri tenut kont taċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ odjern;*

***Ebda ksur tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea u l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni***

16. *Illi l-esponent jeċepixxi l-inapplikabilita` tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u dan peress illi dan l-artikolu japplika biss f'każ ta' teħid forżuz tal-proprjeta'. Illi sabiex wieħed ikun jista' jitkellem fuq teħid forzuż jew obbligatorju, persuna trid tiġi żvestita minn kull dritt li għandha fuq dik il-proprjeta'. Pero' ċertament li fil-każ odjern tali żvestiment ma seħħx u dan*

*peress illi fil-każ odjern, ir-rikorrenti ma tilfifx id-drittijiet proprjetarji ut sic fuq il-proprjetajiet in kwistjoni. Isegwi għalhekk li l-ilment tar-rikorrenti ma jinkwadrax fil-parametri tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u konsegwentement għandu jiġi miċħud;*

17. *Illi l-ordni tal-Qorti dwar il-proprjetajiet li r-rikorrent huwa s-sid ta' parti minnhom ma jaqax fl-ambitu tal-artikolu 1 tal-protokoll 1;*

18. *Illi dejjem mingħajr preġudizzju għas-suespost, ma hemm ebda ksur tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea u dan peress illi dak li ġara fil-każ odjern huwa li l-Qorti tramite d-digriet tagħha tat- 8 ta' Lulju 2014 irregolat is-sitwazzjoni fl-ambitu tal-ġid komuni tal-familja tar-rikorrent b'dana pero' li baqgħu impreġudikati d-drittijiet tar-rikorrent qua proprjetarju tal-proprjetajiet in kwistjoni;*

***Ebda ksur tal-artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni***

19. *Illi r-rikorrent naqas milli jispjega kif u għaliex qiegħed jallega illi ġie diskriminat;*

20. *Illi fir-rigward tal-artikolu 14 tal-Konvenzjoni l-esponent jeċepixxi illi dan l-artikolu ma'għandux eżistenza indipendenti u jista' jiġi nvokat biss vis-a-vis id-drittijiet fundamentali sustantivi 'l oħra li jinsabu fil-Konvenzjoni Ewropea. Għaldaqstant jekk ma jistabx ksur ta' xi artikolu ieħor tal-Konvenzjoni ċertament illi ma jistax jinstab kusr tal-artikolu 14 tal-Konvenzjoni;*

21. *Illi dak li qed jilmenta minnu r-rikorrent ma jiffigura mkien fil-parametri ta' protezzjoni minn trattament diskriminatorju kif sanċit mill-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;*

22. *Illi l-esponenti jirrelevaw ukoll illi ma teżisti ebda diskriminazzjoni u li r-rikorrent ma ngħata ebda trattament dskriminatorju;*

23. *Illi f'kull każ ma kien hemm ebda ksur tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti, la taħt il-Kostituzzjoni u lanqas taħt il-Konvenzjoni, u għalhekk it-talbiet tagħhom għandhom jiġu miċħuda;*

24. *Illi finalment dato ma non concesso li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha li ġew leżi xi drittijiet tar-rikorrenti' ħaġa li l-esponent qedjikkontesta fiċ-ċirkostanzi odjerni dikjarazzjoni ta' ksur għandha tkun suffiċjenti;*

25. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

Rat ir-**Risposta** ta' **Dr Corinne Wood** intavolata fil-5 ta' Settembru 2019 (fol 32) li permezz tagħha eċċepiet:

***1) <u>L-inkluzjoni tal-intimata bhala parti</u>***

1.1. *Illi preliminarjament l-azzjoni kif ittentata kontra l-intimata Dr Corinne Wood hija invalida u antikostituzzjonali stante illi azzjoni ghas-sejba ta' allegat vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem hija azzjonabbli biss kontra l-Istat u hadd aktar. Dan il-punt gie ribadit mhux biss mill-*

*intimata stess per via di risposta fit-tentattivi frivoli u vessatorji tar-referenzi kostituzzjonali illi ttenta jaghmel ir-rikorrent f'zewg okkazjonijiet separati fil-kors tal-kawza li* ***ghadha pendenti*** *fl-ismijiet* ***Dr Corinne Wood pro et noe -vs- Dr Martin Schranz*** *(Rikors Guramentat numru 174/2012 AGV) quddiem l-Onorabbli Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja), izda huwa principju ben stabilit fil-gurisprudenza nostrana kif ukoll Ewropea illi d-drittijiet fundamentali tal-bniedem huma parti mid-dritt pubbliku u bhala tali esperibbli* ***biss*** *kontra l-Istat. L-Artikolu 34 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem innifisha huwa skjett meta jghid illi l-azzjoni tista' tigi ezercitata biss "kontra ksur* ***minn naħa ta' wieħed mill-Partijiet Għolja Kontraenti****" (bl-Ingliz "High Contracting Parties") cioe` l-Istat;*

1.2. *L-intimata tirreferi ghal dak illi kellha xi tghid l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fl-1989 fil-kawza fl-ismijiet* ***Carmelo Buttigieg -vs- Albert Mizzi noe*** *fejn wara illi sahqet illi "fil-waqt li drittijiet legali ordinarji jaqghu taht id-dritt privat u jirrigwardjaw ir-relazzjonijiet bejn zewg persuni, drittijiet fundamentali jaqghu taht id-dritt pubbliku u ghalhekk jikkostitwixxu dawk id-drittijiet li persuna jkollha kontra l-Istat innifsu" peress illi "[f]il-kaz ta' drittijiet fundamentali huwa l-Istat li huwa marbut", ikkonkludiet illi "Il-Konvenzjoni Ewropeja qieghda taghti lill-individwu d-dritt li jagixxi kontra l-Istat tieghu li huma kkontemplati fil-Konvenzjoni Ewropeja u mhix id-dritt li jagixxi kontra persuna";*

1.3. *Ghalhekk, filwaqt illi jekk ir-rikorrent qieghed ihoss illi sofra xi lezjoni tad-drittijiet fundamentali tieghu (allegazzjonijiet gustament kontestati mill-Avukat Generali fir-risposta tieghu liema kontestazzjonijiet huma wkoll sostenuti mill-intimata kif sejjer jigi spjegat minghajr pregudizzju aktar 'il quddiem) ghandu kull dritt illi jittenta azzjoni kontra l-Istat kif qieghed jaghmel, izda dan ghandu jaghmlu minghajr ma jipprova* ***la*** *johnoq il-proceduri ghaddejjien (issa kontestwalment) mal-kawza odjerna quddiem l-Onorabbli Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja), u* ***lanqas*** *ihammeg isem l-intimata;*

1.4. *L-intimata taghmel ukoll referenza ghall-attitudni sfortunata (u bid-dovut rispett, kostituzzjonalment zbaljata) illi l-Qrati Maltin ta' kompetenza kostituzzjonali jidher li bnew tul is-snin u li issa qed tigi applikata kwazi bhala regola generali tal-ligi kostituzzjonali, cioe` l-applikazzjoni ta' ligijiet maghmulha ghall-proceduri civili, illi huma prettament konnessi mad-dritt privat, ghall-kawzi kostituzzjonali illi jirrigwardaw id-dritt pubbliku (ara dak li kellu xi jghid l-Imhallef Emeritu Giovanni Bonello fl-artikolu tieghu ppubblikat f'Id-Dritt Vol XXIX (2019): '****When Civil Law Trumps the Constitutional Court****') Ghalkemm din l-intenzjoni timmanifesta ruhha mill-bidu sal-ahhar f'certu kawzi u dan anke` bir-rimedji moghtija fis-sentenzi tal-istess Qrati, l-intimata sejra tillimita ruhha ghal dak applikabbli ghall-kawza odjerna cioe` l-inkluzjoni taghha bhala parti fil-kawza. Kif imsemmi fil-paragrafi precedenti, kawzi kostituzzjonali qeghdin hemmhekk biex rikorrent illi jhoss illi d-drittijiet tieghu gew vjolati (mill-Istat) ifittex rimedju effettiv f'Qorti munita b'kompetenza kostituzzjonali sabiex tindaga fuq l-allegata vjolazzjoni (mill-Istat) tad-drittijiet applikabbli. Huwa principju fundamentali tad-dritt kostituzzjonali illi kawza kostituzzjonali m'ghandix tidhol (u lanqas ghandha l-kompetenza li tidhol) fir-relazzjoni maritali ta' bejn Schranz u Wood, jew fir-relazzjoni tal-genituri Schranz u*

*Wood ma' uliedhom, jew fi kwistjonijiet ta' manteniment bejn Schranz, Wood u uliedhom, izda ghandha thares lejn jekk fic-cirkostanzi illi taw lok ghall-vjolazzjonijiet allegati mir-rikorrent, **<u>l-Istat</u>** wettaqx xi ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem. **Kif jista' mela r-rikorrenti jitlob lil din l-Onorabbli Qorti tiddikjara u tiddecidi <u>illi l-intimata hija responsabbli</u> ghal kumpens u danni sofferti mir-rikorrent?!***

1.5. *Illi ghalhekk l-intimata mhix il-legittimu kuntradittur f'din il-kawza u ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju, u konsegwentement isimha jigi mhassar mill-okkju tal-kawza, prevja kwalsiasi ordni illi din l-Onorabbli Qorti thoss illi jkun opportun fic-cirkostanzi eccezzjonali tal-kawza odjerna.*

2) ***<u>Minghajr pregudizzju u subordinatament ghall-ewwel eccezzjoni u biss ghall-finijiet ta' kompletezza, jigi eccepiet ulterjorment:</u>***

2.1. *Illi l-intimata taqbel mal-eccezzjonijiet kif maghmula mill-Avukat Generali fir-risposta tieghu datata 24 ta' Gunju 2019 u ghalhekk taghmel l-istess eccezzjonijiet hemm maghmula, taghha;*

2.2. *Illi in aggunta, jinghad illi t-tmien talba tar-rikorrenti hija antikostituzzjonali hekk kif mill-ebda artikolu tal-Kostituzzjoni jew il-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta ma johrog illi Qorti ta' kompetenza kostituzzjonali tista' ssib xi dispozizzjoni tal-Kostituzzjoni illi tivvjola l-Kostituzzjoni nnfisha. Dan qieghed jinghad b'referenza ghall-kliem specifiku uzat fl-Artikolu 6 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 3(2) tal-Kap 319 fejn ir-referenza hija biss lejn "xi ligi <u>ohra</u>" apparti l-Kostituzzjoni u "xi ligi <u>ordinarja</u>" rispettivament;*

2.3. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, id-decizjoni tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) fil-kawza sucitata kienet wahda illi saret minn dik il-Qorti illi kienet dedotta sew mill-fatti kollha ghaddejjien quddiemha fil-kawza. Id-decizjoni ta' frivolita` u vessatorjita` mhix wahda illi tittiehed facilment izda meta tittiehed tkun gustifikata tant illi l-Kostituzzjoni nnfisha ma tippermettix aktar hela ta' hin u b'hekk l-Artikolu 46(5) tal-Kostituzzjoni jipprojbixxi appelli minn decizjonijiet f'dan is-sens;*

2.4. *Illi subordinatament, jinghad illi r-rikors promotur huwa mifni b'allegazzjonijiet ta' vjolazzjonijiet mill-Istat ta' diversi artikoli tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni Ewropeja minghajr ma pero` jispjega liema fergha ta' kull artikolu citat qieghed jigi allegatament lez. Dan qed jinghad ghax meta a paragrafu 35 et sequitur tar-rikors, ir-rikorrent jaghmel elenku ta' fejn sar il-ksur, jistieden lil din l-Onorabbli Qorti sabiex thares lejn il-parargrafi ta' qabel sabiex tara x' "gie senjalat hawn fuq" u tipprova tikkategorriza hi (cioe` l-Qorti) l-lanjanza attrici f'xi wahda mill-ferghat ta' kull artikolu allegatament vjolat mill-Istat. F'dan ir-rigward ghalhekk, jigi senjalat is-segwenti:*

(i) ***<u>Vjolazzjoni tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea</u>**:*

*Kif gie gustament spjegat mill-Avukat Generali, l-Artikolu 32(c) tal-Kostituzzjoni mhuwiex gustizzjabli stante illi huwa merament 'preamble' ghad-drittijiet illi jsegwu mill-Artikolu 33 et sequitur.*

*L-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem jikkontempla d-dritt ghar-rispett tal-hajja privata u tal-familja. Kif hareg b'mod eklatanti tul il-mori tal-kawza quddiem l-Onorabbli Qorti Civili*

*(Sezzjoni tal-Familja), kien proprjament ir-rikorrent illi abbanduna l-familja tieghu (cioe` lill-martu u 'l-hamest uliedu meta dawn kien ghadhom minuri) u dan hu rifless fir-relazzjoni tar-rikorrent ma' uliedu l-kbar (li jafu bizzejjed jirragunaw ghalihom innifishom) illi unilateralment iddecidew illi ma jridux ikollhom kuntatt ma' missierhom. B'hekk, dak kollu illi gie deciz minn dik il-Qorti sar fid-dawl tal-provi prevalenti illi l-partijiet f'dik il-kawza pprezentaw fil-mori taghha tenut kont partikolarment tal-ahjar interess tat-tfal minuri tal-istess partijiet;*

*Fl-istess vena, ghalhekk, l-access supervizjonat inghata ghax gie pruvat illi l-konvenut ma kienx f'pozizzjoni stabbli bizzejjed sabiex jiltaqa' mat-tifel minuri Kian wahdu. A kuntrarju ta' dak illi jghid ir-rikorrent, dan l-access supervizjonat kien tabilhaqq qieghed jghinu jsahhah ir-relazzjoni ma' ibnu stante illi dan kien jikkawtela lill-istess missier milli jaghmel xi agir fil-hin tal-access illi jippregudika (jaf anke` b'mod irrimedjabbli) ir-relazzjoni ta' bejniethom u dan minhabba l-ghemil tar-rikorrent. Fuq kollox, id-decizjoni tal-Qorti kienet tali sabiex Kian ma jghaddix minn esperjenzi illi jistghu jittimbrawlu hajtu darba ghal dejjem u jinfluwenzaw il-kors tal-maturita` tal-istess tifel. Fejn jezisti r-riskju, ghalhekk, wiehed irid jiehu l-passi necessarji;*

*Ta' min jirrimarka illi ghalkemm l-access illum m'ghadux supervizjonat, qieghed jigi mhejji rapport iehor mill-istess psikjatra msemmi fir-rikors promotur a paragrafu 26, liema rapport ghandu jigi redatt biss wara illi l-piskjatra jkun hares lejn il-process kollu tal-kawza pendenti quddiem l-Onorabbli Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familija) u dan kif ordnat minn dik l-istess Qorti.*

*(ii)* ***<u>Vjolazzjoni tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni</u>:***

*Jigi mfakkar illi l-Onorabbli Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) waslet ghad-decizjonijiet taghha wara cirkospezzjoni tal-provi kollha ghad-dispozizzjoni taghha fil-mument tad-decizjonijiet illi hadet u liema decizjonijiet kellhom necessarjament ikunu fl-ahjar interess tal-ulied minuri. Dan qieghed jinghad specjalment hekk kif id-decizjonijiet pendente lite mehuda minn dik l-Onorabbli Qorti kienu kollha gustifikati fic-cirkostanzi prevalenti fi zmien meta ttiehdet id-decizjoni, u sakemm ma jigix pruvat illi kien hemm xi kambjament f'tali cirkostanzi, dawk id-decizjonijiet jibqghu validi sas-sentenza finali, fejn dik il-Qorti imbaghad tiddeciedi fuq id-definittivita` taghhom. Konsegwentement, ma jistax jinghad illi kien hemm xi lezjoni tad-dritt ta' smigh xieraq kif kontenut fl-artikoli citati hekk kif il-principju tal-audi alteram partem gie rrispettat dejjem u d-decizjonijiet hargu minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'ligi; id-decizjonijiet dejjem inghataw pubblikament u fi kwalunkwe` kaz id-decizjonijiet ghadhom lanqas biss huma definittivi;*

*Fir-rigward tal-paragrafu 15 tar-rikors promotur fejn ir-rikorrenti jghid "Illi l-oneru tal-prova kien inqeleb", huwa fatt ben maghruf illi f'kawzi civili bhalma hija dik quddiem l-Onorabbli Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja), il-piz tal-prova joxxilla minn parti ghall-ohra. Di fatti, waqt il-mori ta' proceduri civili, l-oneru tal-prova jghaddi minn parti ghall-ohra ghax jista' jkun illi jigi stabbilit fatt li juri prima facie li t-tezi ta' parti hi sostenuta u ghalhekk, imbaghad, sta ghall-parti l-ohra illi tipprova xort'ohra. Fir-rigward tal-lanjanza dwar it-trapass taz-zmien imqajma mir-rikorrent, jinghad illi tali*

*sitwazzjoni hija biss rizultat tal-agir tar-rikorrent innifsu, inkluz per ezempju it-talbiet frivoli u vessatorji ghal referenzi kostituzzjonali maghmula minnu;*

*(iii)* ***Vjolazzjoni tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja u l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni****:*
*Ma jistax jinghad illi kien hemm xi lezjoni tad-dritt tal-liberu godiment tal-proprjeta` mill-Istat kif imsemmi fl-artikolu sudetti gialadarba l-Onorabbli Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) kienet dahlet fil-kwistjoni funditus meta r-rikorrent innifsu kien naqas milli jezegwixxi l-obbligi tieghu ai termini ta' skrittura ffirmata bejn il-partijiet nhar il-5 ta' Novembru 2011. Dik l-Onorabbli Qorti kienet evalwat sew l-argumenti mqajmin mill-partijiet u waslet ghall-konkluzjoni illi jkun fl-ahjar interess ta' kulhadd jekk, pendente lite, ir-rikorrent (f'dik il-kawza konvenut) ihallas €1,500 lill-intimata (f'dik il-kawza attrici f'isimha proprju u bhala kuratrici ad litem ta' uliedha minuri) bhala mantentiment ghall-hames (5) ulied fix-xahar b'akkrimenti skond l-indici tal-gholi tal-hajja u l-kumplament tal-manteniment jithallas mill-kera illi kienet taqla' l-intimata mill-kirja tal-proprjetajiet tal-komunjoni illi hawn Malta (di fatti, ir-rikorrent thallha jzomm il-kera illi jaqla' miz-zewg propretajiet tal-komunjoni tal-akkwisti li kellhom l-Irlanda Schranz u Wood). Ghalhekk, mhux gust l-argument imqajjem mir-rikorrent illi tul il-proceduri ma setax juza l-ebda proprjeta` hawn Malta u illi dan impinga fuq il-frekwenza tieghu li jigi hawn Malta u jkollu access ghal uliedu – dan l-access qatt ma gie projbit, u fl-ebda cirkostanza ma jista' jigi ekwiparat ma' lezjoni ta' drittijiet kif kontenuti fl-artikolu citati;*

*(iv)* ***Vjolazzjoni tal-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropeja****:*
*Kif gie gustament spjegat mill-Avukat Generali, l-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni mhuwiex gustizzjabli;*
*Huwa ben evidenti illi dan id-dritt tar-rikorrenti qatt ma gie lez mill-Istat hekk kif l-Onorabbli Qorti (Sezzjoni tal-Familja) dejjem semghet (u ghadha qed tisma') kwalunkwe` lanjanza illi ghogbu jgib quddiemha r-rikorrent. Il-fatt illi certu lanjanzi jintlaqghu u ohrajn jigu michuda ma jfissirx illi jkun hemm xi lezjoni tad-dritt imsemmi fl-artikolu citat – ikun imur ghal kollox kontra l-principji bazilari tal-ligi kieku kull min ma jaqbilx ma' decizjoni ta' Qorti jghid illi qieghed jigi lez lilu xi dritt fundamentali ghax kieku naslu fi stat redikolu fejn ghal kull decizjoni u/jew digriet illi taghti Qorti, tikkorispondi referenza u/jew kawza kostituzzjonali. Dan jinghata aktar preponderanza meta kien ir-rikorrent innifsu illi fir-rikors promotur irrikonoxxa illi sahansitra hemm* ***rimedji ohra disponibbli*** *ghalih meta jghid "b'riserva ghal kull azzjoni ulterjuri spettanti lir-rikorrent" –* ***dan ikompli jsostni wkoll it-tieni eccezzjoni tal-Avukat Generali****.*

*(v)* ***Vjolazzjoni tal-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropeja u l-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni****:*
*Ma jistax jinghad illi kien hemm xi lezjoni mill-Istat tad-dritt kontra d-diskriminazzjoni ssalvagwardjat mill-artikoli citati. Apparti illi kif inhuwa ben spjegat mill-Avukat Generali fir-risposta tieghu huwa principju stabilit illi sabiex l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni jkun enforzabbli gudizzjarjament irid ikun akkumpanjat minn lezjoni ta' dritt fundamentali iehor imsemmi fil-Konvenzjoni stess, ir-rikorrent naqas milli jsemmi tal-anqas is-segwenti: i) f'hiex saret din il-lezjoni; ii) kif gie ddiskriminat; u iii) kif effettwatu;*

*2.5. Illi fl-ahhar nett, issir referenza ghall-kumment segwenti tar-rikorrent a paragrafu 33 tar-rikors promotur:*
*Illi permezz ta' digriet ddatat 8 ta' Lulju 2014 il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) effettivament innegat lir-rikorrenti uzu u tgawdija tal-proprjeta` tieghu hawn Malta u dan ikkawzat is-segwenti pregudizzji ... ikkrejat diffikultajiet <u>serji</u> fejn jidhol it-tgawdija tal-access ma' ibnu u dana ghaliex kull darba li <u>kellu</u> jigi Malta <u>kellu jhallas akkomodazzjoni</u>. (Enfasi mizjud mill-intimata.)*
*F'dan ir-rigward jinghad illi r-rikorrent huwa radjologu stabbilit fl-Irlanda b'paga tajba hafna, f'impieg fiss u kif gie pruvat fil-mori tal-kawza quddiem l-Onorabbli Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja), ghandu introjtu tajjeb hafna. Dan tal-ahhar johrog b'mod implicitu mill-fatt illi r-rikorrent qatt ma gab prova tal-introjtu tieghu jew altrimenti pprezenta xi 'income tax return' tul il-mori tal-proceduri quddiem dik l-Onorabbli Qorti, u dan minkejja d-diversi talbiet illi sarulu fl-istess rigward.*
*Filwaqt illi wiehed ghandu jiftakar illi kienet ghazla personali tar-rikorrent innifsu illi jistabilixxi ruhu l-Irlanda minkejja illi ghandu hamest (5) itfal illi jirrisjedu Malta, il-kera illi tircievi l-intimata mill-postijiet mikrija kienet qed tintuza sabiex tmantni lit-tfal taghhom ghax m'hemmx ghalfejn tkun ekonomista sabiex tintebah illi fil-hajja tal-lum, fejn l-ispejjez huma li huma u n-necessitajiet dejjem jizdiedu, hemm bzonn ta' kapital sostanzjali sabiex tkun f'pozizzjoni illi thallas ghall-edukazzjoni, is-sahha u l-manteniment tal-ulied;*

*2.6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.*

Rat in-nota tar-rikorrent intavolata fit-13 ta' Novembru 2019 (fol 40) li permezz tagħha annetta kopja legali ta' diversi atti meħuda mill-proċess ta' separazzjoni fl-ismijiet **Dr Corinne Wood pro et noe v. Dr Martin Schranz** (174/12 AGV), (fol 41 sa fol 218).

Rat illi fl-udjenza tat-2 ta' Diċmebru 2019, xehed ir-rikorrent **Dr Martin Schranz** minn jeddu u rat illi fl-udjenza tat-13 ta' Jannar 2020, reġa' xehed ir-rikorrent **Dr Martin Schranz**.

Rat in-nota tar-rikorrent intavolata fil-5 ta' Frar 2020 (fol 305) li permezz tagħha ppreżenta numru ta' dokumenti (fol 306 sa fol 349).

Rat illi fl-udjenza tat-30 ta' Novembru 2020 xehdu **t-Tabib Psikjatra Dr Etienne Muscat** u t-**Tabib Psikjatra Dr Jean Pierre Giorgio**, ilkoll prodotti mir-rikorrent.

Rat illi fl-udjenza tat-23 ta' Frar 2021, ir-rikorrent ippreżenta nota (fol 361) b'dokument (fol 362 sa fol 366) u billi l-partijiet qeghdin jaqblu dwar dan id-dokument ma hemmx bżonn ta' konferma bil-ġurament ulterjuri tal-kontenut u għalhekk għandu jikkostitwixxi prova.

Rat illi fl-udjenza tad-29 ta' Settembru 2021 xehed **Mark Schranz** prodott mir-rikorrent. Rat ukoll id-dikjarazzjoni tad-difensur tal-partijiet li salv rapport tal-Psikologa Carmen Sammut li għadu mhux redatt m'għandiex aktar provi x'tipproduċi.

Rat illi fl-udjenza tal-24 ta' Novembru 2021, id-difensur tar-rikorrent iddikjarat il-provi definittivament magħluqa stante li ma kinitx ser tippreżenta r-rapport imsemmi fl-udjenza preċedenti.

Rat ukoll illi fl-udjenza tal-24 ta' Novembru 2021, xehed **Mark Schranz** in kontroeżami. Rat ukoll illi l-intimata Dr Corinne Wood ippreżentat nota (fol 396) b'rapport tal-psikologa Carmen Sammut (fol 397 sa fol 414). Il-partijiet iddikjaraw li l-psikologa m'għandiex titla' tixhed biex tikkonferma l-awtentiċità b'danakollu d-difensur tar-rikorrent fakkret lill-Qorti li l-istess rapport qiegħed jiġi kkontestat permezz tal-ħatra ta' periti perizjuri.

Rat illi fl-udjenza tat-23 ta' Frar 2022, xehed ir-rikorrent **Martin Schranz** in kontroeżami u ppreżenta sitt (6) dokumenti (fol 422 sa fol 439).

Rat ukoll illi fl-udjenza tat-23 ta' Frar 2022, il-Qorti ħatret lil Assistent Ġudizzjarju l-Avukat Anna Mifsud Bonnici sabiex tkompli tisma' x-xhieda in kontroeżami ta' Dr Martin Schranz.

Rat in-nota tal-Assistent Ġudizzjarju l-Avukat Anna Mifsud Bonnici intavolata fil-21 ta' Marzu 2022 (fol 440) li permezz tagħha ppreżentat x-xhieda in kontroeżami ta' **Dr Martin Schranz**.

Rat in-nota tal-intimata Dr Corinne Wood intavolata fit-3 ta' Ġunju 2022 (fol 449) li permezz tagħha ppreżentat l-affidavit tagħha stess b'dokumenti annessi (fol 450 sa fol 554). Rat ukoll illi l-Qorti reġgħet ħatret lil Assistent Ġudizzjarju l-Avukat Anna Mifsud Bonnici sabiex tisma' x-xhieda in kontroeżami ta' Dr Corinne Wood.

Rat in-nota tal-Assistent Ġudizzjarju l-Avukat Anna Mifsud Bonnici intavolata fis-27 ta' Settembru 2022 (fol 556) li permezz tagħha ppreżentat x-xhieda in kontroeżami ta' **Dr Corinne Wood** fis-seduta tas-26 ta' Settembru 2022.

Rat in-nota tal-Assistent Ġudizzjarju l-Avukat Anna Mifsud Bonnici intavolata fl-24 ta' Settembru 2022 (fol 563) li permezz tagħha ppreżentat x-xhieda in kontroeżami ta' **Dr Corinne Wood** fis-seduta tal-20 ta' Ottubru 2022.

Rat illi fl-udjenza tat-28 ta' Ottubru 2022, id-difensur tal-intimata Dr Corinne Wood iddikjarat li m'għandiex aktar provi x'tipproduċi.

Rat illi fl-udjenza tas-7 ta' Diċembru 2022, id-difensur tal-Avukat tal-Istat iddikjarat li m'għandiex provi x'tipproduċi. Għalhekk il-Qorti ddikjarat il-provi tal-partijiet kollha magħluqa.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet finali estensivi tal-partijiet.

Rat illi fl-udjenza tal-20 ta' Novembru 2023, bi qbil bejn id-difensuri tal-partijiet, l-Qorti ħalliet l-kawża għall-udjenza tal-lum għad-deċiżjoni.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

### Ikkunsidrat:

Illi mill-provi prodotti, jirriżultaw is-segwenti **<u>fatti</u>**:

Fix-xhieda tiegħu, ir-rikorrent **Dr Martin Schranz** jispjega li hu għadu miżżewweġ mal-intimata Dr Corinne Wood u għaddejjin minn separazzjoni personali. Jgħid li għandhom ħamest itfal flimkien u jgħixu separati. Jispjega li flimkien għandhom ħames proprjetajiet f'Malta, minbarra d-dar matrimonjali. Il-ħames proprjetajiet jikkonsistu fi flat fil-Balluta, flat fi Spinola, flat ieħor f'San Ġiljan, dar f'St. Mary Street u garaxx fi Spinola. Jispjega li l-proprjetajiet qegħdin f'ismu iżda nxtraw fiż-żwieġ u għalhekk l-intimata Wood għandha nofshom. Jispjega li hu m'għandu l-ebda aċċess għall-imsemmija proprjetajiet minħabba digriet tal-Qorti tal-Familja li ħareġ fis-26 ta' Marzu 2014 fejn l-intimata Wood ingħatat il-permess li tikrihom (fol 199 sa fol 204). Jispjega li hu kien appella mill-istess digriet u talab li jżomm flat minnhom sabiex ikun viċin ta' uliedu. Jispjega li wliedu jgħixu m'ommhom u hu għandu aċċess biss għaż-żgħir, li għadu minuri, (li qabel kien b'superviżjoni li issa tneħħiet) ta' disa' sigħat fil-ġimgħa.

Mistoqsi fejn jgħix, jgħid li hu jgħix ġewwa l-Irlanda għax m'għandux proprjetà Malta fejn jista' jgħix, mentri qabel kien jgħix Malta bejn il-Ħamis u l-Ħadd. Jispjega li issa sar jinżel Malta unikament għall-kawża u għall-aċċess. Jgħid li hu appella mid-digriet tal-Qorti, liema appell ġie miċħud stante li l-post mikri, iżda ma nġiebet l-ebda prova dwar dan u meta mar fih il-post kien vojt. Jgħid li dan ikkawżalu tnaqqis ta' tgawdija ta' wliedu li kienu kollox għalih, kien ikollu jikri l-lukandi meta jiġi Malta u l-aċċess kien b'superviżjoni. Jispjega li qabel kien jaħdem erbat ijiem fl-Irlanda u tlett ijiem f'Mater Dei u għalhekk kien jara lil uliedu kull ġimgħa. Jispjega li llum il-postijiet huma f'idejn l-intimata Wood u lanqas aċċess m'għandu għalihom.

Mistoqsi dwar kif kien l-ewwel aċċess li kellu għal ibnu l-minuri jgħid li dan kien ta' sitt (6) sigħat fil-ġimgħa taħt is-superviżjoni tal-Appoġġ. Jispjega li dan ġara wara li saret allegazzjoni fuqu minn martu li fl-2005 kien hedded li jagħmel suwiċidju bit-tfal bil-karozza. Jgħid li dan ma kienx minnu stante li lanqas biss kien jgħix f'Malta dak iż-żmien.

Mistoqsi x'inhu xogħlu jgħid li hu *intervention radiologist*. Jispjega li l-allegazzjonijiet tal-intimata Wood kienu li hu mentalment instabbli u suwiċidjali. Jgħid li saru rapporti minn erba' psikjatri tal-Qorti tal-Familja. Jgħid li l-pożizzjoni tal-Qorti tal-Familja kienet li kien hu li ried jipprova li kien fi stat ta' saħħa mentali tajjeb. Jgħid li l-Psikjatra Dr Giorgio kien ħejja rapport fejn ikkonkluda li m'hemm xejn instabbli u b'hekk tneħħietlu s-superviżjoni waqt l-aċċess fl-2018 u b'hekk għamel total ta' ħames snin bl-aċċess bis-superviżjoni. Jgħid li minn dakinhar il-kwistjoni tas-saħħa mentali tiegħu qatt ma reġgħet qamet.

Jispjega li għal sentejn, il-Qorti tal-Familja m'għamlet xejn dwar is-sitwazzjoni tiegħu u kien biss fl-2017 li ħatret psikjatra wara diversi talbiet min-naħa tiegħu. Jgħid li finalment tqabbad Dr Jean Paul Giorgio fuq talba tiegħu. Jgħid li l-intimata Wood qatt ma kienet ġabet prova sabiex tissustanzja l-allegazzjoni tagħha.

Mistoqsi dwar kif qed jeżerċita l-aċċess illum jgħid li qed jagħmel dan billi jmur għat-tifel fid-dar matrimonjali u jieħdu Bay Street minħabba li qiegħed joqgħod f'lukanda. Jgħid li jkun miegħu u mat-tifla li tgħix miegħu li għandha erba' snin.

Mistoqsi x'waslu sabiex jiftaħ il-proċeduri odjerni jgħid li fetaħhom għax ilu ħames snin mingħajr post fejn ikun jista' jara lit-tifel biex ikun jista' jarah kull ġimgħa. Jispjega li din it-talba m'għamiliex lill-Qorti tal-Familja għax kull darba tiġi rrifjutata

bil-konsegwenza li hu u ibnu kontinwament jitilfu ż-żmien ma xulxin. Jispjega li l-proċeduri odjerni ġew intavolati wkoll dwar l-aċċess sabiex ikollu relazzjoni mat-tifel u ċjoè li jkollu iktar ħin u libertà miegħu. Jgħid li fil-passat l-aċċess kien dejjem b'superviżjoni jew ta' xi ħadd mill-appoġġ jew ta' ħuh.

Jispjega li ġara li tneħħielu l-aċċess minħabba li l-intimata Wood kienet allegat li hu psikopatiku u li għandu tendenzi suwiċidjali. Jgħid li saru fuqu diversi eżamijiet psikjatriċi u kollha kkonkludew li m'għandu l-ebda sinjal ta' mard. Jispjega li tlieta minn dawn it-tobba qabbadhom hu u wieħed il-Qorti.

Issir referenza għal fol 42 sa 62 li jikkonsistu f'żewġ rikorsi tar-rikorrent u risposti tal-intimata Wood. Ir-rikors ġew intavolati minnu fl-4 ta' Lulju 2019. L-ewwel wieħed jikkonsisti f'talba sabiex ikollu aċċess għal post f'Malta. Jikkonferma li l-imsemmija rikorsi qatt ma ġew degredati. Mistoqsi jekk l-aċċess jistax jiġi eżerċitat unikament f'Malta, jgħid li iva anke fis-sens prattiku.

B'referenza għal fol 66 jisġjega li intavola rikors fid-29 ta' Mejju 2017 sabiex ikollu l-aċċess mill-ġdid stante li l-aċċess twaqqaf minħabba li ħa lit-tifla tiegħu (omm it-tifla hija l-partner tiegħu) miegħu għall-aċċess.

B'referenza għal dokumenti li jmorru lura għas-sena 2015, fol 207 jikkonsisti f'rapport tal-Avukat tat-Tfal fejn ġie indikat li r-rikorrent kien qiegħed ifittex għajnuna medika iżda jeħtieġ li jkun hemm riżultati konfermati qabel ma jkollu aċċess bla superviżjoni mal-minuri. Jgħid li wara dan ir-rapport, il-Qorti m'għamlet xejn u ma' ngħata l-ebda kura.

Jispjega li t-tifel għandu biża' milli jagħmel kuntatt ma' missieru li hu evidenti li t-tifel saħansitra jiddejjaq jgħidlu kif iqatta' l-ġuranta. Jippreċiża li barra mid-disa' sigħat m'hemm xejn xi jżomm lit-tifel milli jikkuntattjah. Jgħid iżda li kull mezz ta' komunikazzjoni jsibu blokkjat għalkemm mhuwiex projbit. Jispjega li aċċess għall-Iskype ngħatalu meta l-aċċess kien għadu b'superviżjoni iżda l-aħħar li tkellem m'ibnu fuq Skype kien f'Novembru 2016 u wara dakinhar l-intimata Wood qatgħet l-internet.

Jgħid li wara r-rapport tal-espert Dr Giorgio hu talab aċċess għat-tifel bla superviżjoni u li jkun jista' jitla' ħdejh l-Irlanda u li jkollu aċċess għat-tifel fil-Milied, l-Għid u Jum il-Missier, u meta jagħlaq żmienu kif ukoll *sleepovers*. Il-Qorti laqgħet it-talba tiegħu għall-aċċess bla superviżjoni u rriżervat li tipprovdi dwar l-oħrajn (fol 90). Jgħid li f'Mejju 2019 għamel rikors sabiex il-Qorti tiddeċiedi dwar it-talbiet l-oħra iżda għadu mhux degregat.

Mistoqsi l-kawża ta' separazzjoni f'liema stadju waslet jgħid li ngħalqu l-provi u qed jistennew deċiżjoni dwar l-aċċess li l-intimata Wood tridu b'superviżjoni.

Jispjega li permezz ta' ftehim datat 5 ta' Novembru 2011, (fol 188) il-partijiet kienu ftehmu li r-rikorrent kellu jżomm għall-użu tiegħu l-appartament magħruf bħala Peralta meta jkun Malta. Issir referenza għal żmien meta r-rikorrent kellu jintavola rikors minħabba li meta kien qed ikollu l-aċċess bis-superviżjoni ta' ħuħ kienet qed jintbagħtu mal-minuri tnejn mill-ulied il-kbar ma' min ir-rikorrent f'dak iż-żmien ma kellux relazzjoni tajba u għalhekk kienu qed ifixklu l-aċċess. Ir-reazzjoni tal-Qorti kienet li jmur lura għal aċċess b'superviżjoni tal-Appoġġ.

Jispjega li kull meta jagħmel rikors ir-risposta tal-intimata Wood hija referenza għas-saħħa mentali tar-rikorrent li qatt ma tiġi ssustanzjata. Jgħid li l-biża' tiegħu hi li t-tifel jagħlaq tmintax u ma jilħaqx jibni relazzjoni miegħu. Jispjega li minħabba l-problema ta' akkomodazzjoni li għandu l-aċċess ta' disa' sigħat fil-ġimgħa qed jużah biss sitt darbiet. Jgħid li meta jarah it-tifel ir-reazzjoni tiegħu hija bierda. Jispjega li meta kellu fejn joqgħod kien jagħmel tlett ijiem fil-ġimgħa Malta.

Mistoqsi dwar meta l-aċċess kien isir ġewwa l-appoġġ, huwa jgħid li qatt ma kellu problemi u t-tifel kellu relazzjoni tajba miegħu. Issir referenza għal fol 140, 186 u 192 minn fejn tirriżulta r-relazzjoni tajba bejniethom.

Jgħid li għalkemm hemm digriet ta' Lulju 2014 (fol 205) li l-proprjetajiet jistgħu jinkrew, dan għadu ma sarx għax hu daħal fil-propjetajiet. Jgħid li għandhom żewġ proprjetajiet komuni fl-Irlanda li hu jikri u jżomm id-dħul.

Issir referenza għal fol 209 konsistenti f'rapport tal-psikjatra Dr Giorgio datat 12 ta' Ottubru 2019 minn fejn jirriżulta li r-rikorrent qatt ma kien ibgħati minn problemi psikjatriċi serji u kroniċi u ma kien hemm ebda raġuni għalfejn ma kellux ikun waħdu mal-minuri. Jgħid li l-allegazzjonijiet saru minn martu u l-unika xhud li qatt nġieb kien Dr Etienne Muscat li kien qal li m'għandux problemi mentali.

Mistoqsi in kontroeżami meta kienet l-ewwel darba li tela' l-Irlanda bħala tabib jgħid li kien fl-1995 meta hu u l-intimata Wood diġà kellhom żewġt itfal. Jgħid li l-intimata Wood telgħet tgħix l-Irlanda wkoll bit-tfal mill-1996 sal-2000, meta mbagħad niżlu flimkien. Jikkonferma li fl-Irlanda flimkien kienu xtraw tliet proprjetajiet u ċjoè 15 Caribbean Wexford, 6 Saarsflied Drive Ballinsaloe, u 19 Ashbrook Letterkenny, li minnhom inbiegħet l-ewwel waħda, liema proprjetajiet inxtraw fl-2005, 2007 u 2008, rispettivament. Jispjega li kien ħa self ta' mija u erbgħin elf Ewro (€140,000), erba' mija u ħamest elef Ewro (€405,000) u mitejn u għaxart elef Ewro (€240,000) rispettivament. Jgħid li llum dawn il-loans tħallsu kollha u kien baqalu bilanċ ta' tlieta u tletin elf Ewro (€33,000) fil-kont li tahom lill-intimata Wood.

Jispjega li fl-2008 kellu ftehim ma' martu li jibgħatilha tlett elef Ewro (€3,000) fix-xahar u jħallas il-loans kollha sabiex hi tikkunsidra rikonċiljazzjoni. Jgħid li fi tlett snin kien ħallas total ta' mija u sitta u erbgħin elef Ewro (€146,000).

Mistoqsi min qed jagħmel użu mill-proprjetà fl-Irlanda jgħid li huma mikrijin. Mistoqsi fuq il-proprjetajiet ta' Malta jgħid li tnejn huma mikrija u tnejn huma vojta u jaf dan stante li daħal fihom u ra anke reklami tagħhom sabiex jinkrew. Jgħid li l-ftehim bejniethom kien li hu jagħmel użu mill-proprjetà tal-Balluta.

Il-Qorti ħadet konjizzjoni wkoll tad-dokumenti esebiti mix-xhud partikolarment id-dokument a fol 438 u 439 li jikkonsisti f'*interim private agreement* bejn il-partijiet datat 5 ta' Novembru 2011.

Mistoqsi dwar l-imsemmi ftehim jgħid li dan kien biss ta' sena biex jmur l-Irlanda u jħallas l-loans li kien fadal sabiex ma tinfetaħx separazzjoni. Jgħid li fuq medda ta' tliet snin lill-intimata Wood kien taha mija u tnejn u erbgħin elf Ewro (€142,000) u ċjoè kull ma kellu tant li f'Lulju 2013 safa' bla flus. Jispjega li l-kuntratt ta' impjieg tiegħu kien spiċċa f'Mejju 2013 u kien bagħat il-flus kollha tant kemm ma riedx jissepara. Mistoqsi jekk wara s-sena 2008 qattx ħadem f'Malta jgħid li bejn is-sena

2009 u s-sena 2011 kien jaħdem fl-Isptar Mater Dei u f'St. Anne's Clinic. Jispjega li bejn Lulju 2011 u Lulju 2012 ma kienx jiġi Malta iżda kienu jiltaqgħu fi Sqallija jew fi Spanja. Jgħid bejn Mejju 2013 u Mejju 2014 ma ġiex Malta u ma setax jaħdem minħabba li kellu *retina detachment*. Jgħid li mbagħad ġie Malta f'Ġunju 2014. Jikkonferma li mis-sena 2014 kien impjegat u kellu riżorsi ta' tabib speċjalizzat.

Mistoqsi ġewwa l-Irlanda kemm-il darba kellu jikkura s-saħħa mentali tiegħu jgħid li qatt. Mistoqsi qattx kien taħt *suicidal watch* jgħid li le. Jgħid li fl-20 ta' Ġunju 2013 ppreżenta ruħu voluntarjament fil-*psychiatric department* stante dipressjoni u *breakdown*. Jispjega li t-tobba qalulu li kellu *adjustment disorder* minħabba s-sitwazzjoni u kellu bżonn perjodu ta' mistrieħ u għal għaxart'ijiem għamel *voluntary admission* fejn kien jorqod fl-isptar u joħroġ mal-ġurnata. Jgħid li wara dan kompla jara l-psikjatra għal madwar erba' ġimgħat. Jgħid li minn dakinhar ma kienx hemm tobba oħra u mediċini iżda jara *counsellor* darba fil-ġimgħa bl-inizjattiva tiegħu.

Mistoqsi dwar it-tobba li kien taħt kura tagħhom f'Malta jgħid li kienu tlieta, Etienne Muscat, Joe Saliba u Beppe Micallef Trigona. Jispjega li lil Dr Etienne Muscat kien ġie taħt il-kura tiegħu fl-Emerġenża meta mar minħabba pressjoni għolja u kellu *suicidal idealation*, kien ġie *discharged* wara tnax-il siegħa. Imbagħad għadda fil-kura ta' Dr Joe Saliba li kien ikkonkluda li ma kellu xejn u neħħieh minn fuq l-anti-depressants. Jgħid li dam fil-kura tiegħu madwar sitt ġimgħat bejn Frar u Marzu 2011. Jispjega li għand Dr Micallef Trigona mar fl-2016 u kien għamillu rapport bil-miktub wara sessjoni li damet siegħa u nofs.

Mistoqsi setax jikri proprjetà oħra f'Malta, jgħid li iva. Jgħid li l-fatt li l-proprjetà ma kinitx disponibbli kien tort tal-Qorti għax kienet hi li ddegredat dan. Jgħid li talab lill-Qorti li jmur jgħix f'waħda mill-proprjetajiet l-oħrajn iżda t-talba kienet miċħuda. Jikkonferma li l-Qorti qatt ma ċaħditu milli jagħmel rikors iżda kienet tiċħad it-talbiet. Jikkonferma li bejn l-2013 u l-2014 ma kellux aċċess għat-tfal għax ma setax isiefer u kienu marru t-tfal jarawh l-Irlanda. Jgħid li hu jħossu diskriminat li bħala ġenitur tat-tfal għandu drittijiet biex jara t-tfal u kellu aċċess limitat ħafna u l-onus tal-provi mixħut fuqu.

It-**Tabib Psikjatra Dr Etienne Muscat** fix-xhieda tiegħu kkonferma li l-kontenut ta' fol 347 sa fol 349 hija xhieda li kien ta fil-Qorti tal-Familja fit-3 ta' Frar 2015.

It-**Tabib Psikjatra Dr Jean Pierre Giorgio** jikkonferma li d-dokumenti a fol 83 u fol 85 tal-proċess huma xhieda li hu ta fil-Qorti tal-Familja u fol 210 sa fol 218 jikkonsistu f'rapport li għamel hu.

Mistoqsi in kontroeżami dwar dak li seħħ f'Għawdex fl-2005, jispjega li fil-fajl tal-Qorti kien sab allegazzjoni li r-rikorrent kien ċempel lil martu minn Ta' Ċenċ Għawdex u qalilha li kien ser jagħmel suwiċidju bit-tfal minn fuq irdum. Jgħid li meta tkellem mar-rikorrent dwar il-ġrajja dan kien spjegalu li kien mar Għawdex bit-tfal fuq parir tal-intimata Wood stess u dan wara li kien mar ikellem lis-sieħeb tagħha sabiex jikkonvinċih itemm ir-relazzjoni li kellu magħha sabiex isalva ż-żwieġ tiegħu u beża' li jħebb għalih minħabba li kien suldat. Kien spjegalu li kien mar Għawdex

mat-tfal u mar biex jorqod fil-lukanda Ta' Ċenċ iżda din kienet mimlija u għalhekk ċempel lill-intimata Wood sabiex jinfurmaha li kien ser jipprova x'imkien ieħor. Mistoqsi jekk qattx kellem lil Dr Wood, jgħid li le. Jispjega li l-inkarigu tiegħu kien li jitkellem ma' Dr Schranz biex jassigura li m'għandux ħsibijiet suwiċidjali. Jikkonferma li Dr Schranz kien qallu li hu kien Ta' Ċenċ.

Fix-xhieda tiegħu **Mark Schranz** jgħid li hu ħu r-rikorrent. Jispjega li hu ħbieb mażżewġ partijiet u kien iktar viċin Dr Wood minħabba li hi kienet tkun f'Malta aktar minnu. Jispjega li t-tifel kien ikun spiss għandu u kien jgħin kif jista'. Jgħid li meta ra li ħuh seta' jara lit-tifel biss fl-appoġġ, kien offra li jara lit-tifel f'daru bih u b'martu preżenti u minn dakinhar jgħid li l-familja, u ċjoè wlied ir-rikorrent u l-intimata Wood, kollha ħaduha kontrih.

Mistoqsi jekk qattx ra xi mġieba perikoluża da parti tar-rikorrent jgħid li meta kien jiġi Malta kien iħallih joħroġ lit-tfal tiegħu u ċertament ma kienx jagħmel dan kieku rah perikoluż.

Jikkonferma li kien ġie maħtur jissuperviżjona l-aċċess tar-rikorrent ma' ibnu l-minuri. Jgħid li hu dejjem kien hemm meta mitlub iżda qatt ma kienet timxi bla xkiel u dana minħabba li jew it-tifel ma jiġix, jew jiġi tard. Jirrakonta li darba minnhom waqt l-aċċess kienu marru fi stabiliment u l-intimati Wood kienet ġiet fl-istess stabbiliment flimkien ma' tnejn minn uliedhom u bdew jirredikolaw lir-rikorrent u jostakolaw il-kommunikazzjoni bejniethom. Dan kompla meta telqu minn hemm sakemm daħlu fil-karozza. Jgħid li jiddispjaċieh għat-tfal u kemm bagħtew u ħa jkompli jbagħtu.

Mistoqsi kemm ilu li telaq minn Malta r-rikorrent jgħid li erbgħa u għoxrin sena u kien hemm żmien li għexu flimkien bħala familja hemmhekk. Mistoqsi kemm-il darba kien preżenti għall-aċċess ta' ħuh mal-minuri jgħid li bejn ħames u sitt darbiet. Mistoqsi kemm kien jiġi spiss Malta, jgħid li meta bdiet is-separazzjoni kien jiġi kull ġimgħa biex jara lit-tifel.

Jikkonferma li l-intimata Wood kienet oġġezzjonat li hu jagħmel superviżjoni tal-minuri iżda ma jafx x'kienet ir-raġuni. Jikkonferma li l-intimata Wood kienet iċċempillu meta r-rikorrent kien l-Irlanda u tgħidlu li ċemplilha biex jgħidilha li ħa jieħu ruħu b'idejh u x-xhud kien jgħidilha biex ma tinvolvihx.

Fl-affidavit tagħha, l-intimata **Dr Corinne Wood** tgħid li hi miżżewġa lir-rikorrent iżda huma *de facto* separati u ilhom għaddejjin bil-proċeduri ta' separazzjoni mill-2012. Tgħid li flimkien għandhom ħamest itfal u hu għandu tifla oħra minn relazzjoni li għandu ġewwa l-Irlanda. Tgħid li l-iżgħar wild huwa Kian li għandu tlettax-il sena u huwa l-unika wieħed li hu minuri.

Tispjega li mhux minnu li hi qed tipprova ċċaħħad lir-rikorrent minn uliedu u tgħid anzi li hi dejjem ħalliet l-għażla f'idejn it-tfal partikolarment fit-tlieta l-kbar li llum ħadu l-istat tagħhom.

Tgħid li kemm ilha għaddejja s-separazzjoni, ir-rikorrent ippreżenta numru konsidervoli ta' rikorsi fejn talab tibdil fl-aċċess għal minuri Kian kif ukoll li jiġi awtorizzat imur jgħix fi proprjetà partikolari f'San Ġiljan.

Issostni li l-Qorti dejjem imxiet l-istess maż-żewġ partijiet u ċjoè tathom iċ-ċans jitkellmu u tiddeċiedi skont dak li jidhrilha l-aħjar fl-interess tat-tfal. Tikkontendi li din il-kawża flimkien ma' diversi rikorsi oħra hija r-riżultat ta' paranoja li għandu r-rikorrent li ġew mittiefsa d-drittijiet tiegħu.

Tgħid li r-rikorrent huwa tabib speċjalista u ilu jaħdem fl-Irlanda għall-aħħar għoxrin sena fejn jaqla' dħul sostanzjali u fil-fatt darbtejn bank Irlandiż sellifhom eluf ta' flus li tħallsu lura fi ftit snin. Tispjega li meta bdew is-separazzjoni għamlu ftehim *interim* li hu kellu jżomm u jieħu ħsieb il-proprjetà tal-Irlanda mentri hi kellha żżomm u tieħu ħsieb ta' Malta salv il-proprjetà ta' San Ġiljan li kellu jżomm għall-użu tiegħu u kellu jħallas manteniment ta' tlett elef Ewro (€3,000) fix-xahar. Tgħid li dan il-ftehim baqa' operattiv sal-2013 meta waqaf iħallas il-manteniment minħabba li kellu problemi ta' vista u ma setax jaħdem u għalhekk kienet ġiet hi f'diffikultajiet finanzjarji u għalhekk kien qalilha li setgħet tikri il-fond *de quo* f'San Ġiljan li kien vojt. Tgħid li hi bdiet tikri l-imsemmi fond għal sitt mija u ħamsin Ewro (€650) fix-xahar iżda xorta dan ma kienx biżżejjed biex ikopri l-ispejjeż kollha. Għalhekk tispjega li hi kienet ressqet rikors il-Qorti sabiex il-Qorti tirregola l-manteniment. Fl-istess waqt ir-rikorrent kien daħħal rikors sabiex jiġi awtorizzat juża l-fond *de quo.* Tispjega li l-Qorti wara li tat opportunità liż-żewġ partijiet iwieġbu f'żewġ digrieti separati, iffissat il-manteniment fl-ammont ta' elf u ħames mitt Ewro (€1,500) fix-xahar u awtorizzat il-kiri tal-fond u ċaħdet it-talba tar-rikorrent.

Tikkontendi li mhuwiex ġust li r-rikorrent iwaħħal fiha li ma ġabitx prova li l-fond mikri meta hu ma ġab l-ebda prova li turi li verament kien batut mill-flus. Issostni li bil-paga li jaqla' għandu mezzi biex mhux biss jiġi Malta u joqgħod f'lukanda imma saħansitra biex jixtri post ieħor. Tikkontendi li fix-xhieda tiegħu tat-13 ta' Jannar 2020, ir-rikorrent ammetta li kienet għażla tiegħu li lit-tifel Kian rah biss erbgħa u ħamsin (54) siegħa minn total ta' erba' mija u tmienja u sittin (468) siegħa allokati lilu.

Tiġbed l-attenzjoni tal-Qorti dwar kif ir-rikorrent idawwar il-verżjonijiet u dana stante li fix-xhieda tiegħu quddiem din il-Qorti kien qal li fl-2005 lanqas kien Malta mentri mat-tabib Dr Giorgio kien stqarr li verament kien Ta' Ċenċ. Tiġbed l-attenzjoni tal-Qorti wkoll għal estratt mir-rapport tal-psikologa Carmen Sammut, li ġie kkonfermat mill-Qorti, u tikkontendi li dan juri biċ-ċar li l-problema bejn ir-rikorrent u wliedu mhi xejn għajr ir-rikorrent stess.

Tikkontendi li ma jistax jgħid li l-Qorti kissritlu xi drittijiet meta tagħtu aċċess superviżjonat u dana stante li aċċess kellu u kien hu li għażel li jitlaq 'il bogħod minn uliedu u ma jagħmilx kuntatt magħhom. Tgħid li l-aċċess kien superviżjonat mill-Aġenzija Appoġġ għal xi żmien iżda wara kien issuperviżjonat minn ħu r-rikorrent u sussegwentement, a bażi r-rapport ta' Dr Giorgio, ma baqax superviżjonat. Issostni li l-Qorti f'kull deċiżjoni kellha l-opportunità tara l-provi u tasal għall-konklużjonijiet tagħha u kien sta għar-rikorrent li jġib il-provi neċessarji. Tiġbed l-attenzjoni tal-Qorti li f'dak li ppreżenta r-rikorrent ħafna drabi ħalla barra d-dokumenti.

Issostni li l-Qorti wriet serjetà mal-inkwiet tagħha fil-konfront tal-instabbilità mentali tar-rikorrent li kien informa lil Medical Council tal-Irlanda sabiex jipproteġu l-pazjenti u fl-istess waqt hi pproteġiet lil binha.

Tikkontendi li r-rikorrent kontinwament iwaħħal fiha għan-nuqqasijiet tiegħu, liema nuqqasijiet huma kkonfermati fir-rapport tal-psikologa Carmen Sammut u issa qiegħed jagħmel l-istess mal-Qorti, liema Qorti dejjem imxiet kif xieraq u semgħet il-partijiet u ħadet id-deċiżjonijiet fl-aħjar interess tal-minuri. Il-Qorti tinnota li in sostenn tax-xhieda tagħha, l-intimata Wood ippreżentat numru ta' dokumenti li l-Qorti ħadet konjizzjoni tagħhom.

In kontroeżami tgħid li hi meta t-tfal il-kbar kienu minuri kienet tinkoraġġihom li jkollhom kuntatt ma' missierhom iżda meta ħadu l-istat tagħhom ħalliethom fil-libertà li jagħżlu huma. Tikkonferma li lit-tfal kienet titrattahom bħala adulti stante li kienu maturi minħabba ċ-ċirkostanzi ta' ħajjithom. Tinnega li kienet tkellimhom dwar il-kawża tas-separazzjoni u x'qed jingħad fiha.

Tispjega li meta kienet tirreferi għalih bħala *sociopath* kienet qed tgħid *in lay men's terms* u mhux bid-definizzjoni medika. Tgħid li l-inċident ta' Ta' Ċenċ kienet tagħtu ċertu attenzjoni minħabba li kien jgħidilha li hemm tobba fl-Ingilterra fis-sitwazzjoni tiegħu li wettqu suwiċidju. Tgħid li kienet aġġixxiet fuq dak li ġara u l-Qorti fehmet il-gravità tas-sitwazzjoni. Mistoqsija jekk Etienne Muscat qattx qal li r-rikorrent *sociopath* tgħid li ma tax diagnosi. Tgħid li lanqas Dr Giorgio ma wasal għal diagnosi. Tikkonferma li hi kienet tal-fehma li kien hemm *constant bombardment* ta' rikorsi.

Mistoqsija dwar meta kien jaħdem f'Mater Dei, tgħid li xorta f'dak iż-żmien erba' minn sebat ijiem kien ikun imsiefer u hi ma kinitx tkun taf f'liema jiem. Mistoqsija dwar l-*interim agreement* kienx mezz biex jerġgħu jkunu flimkien, tgħid li kellu validità ta' sena iżda hi kellha twaqqfu qabel minħabba l-ammont ta' messaġġi u emails li kienet qed tiriċievi ta' kuljum li kienu messaġġi biex ikunu flimkien u abbużivi.

Fir-rigward tal-fond *de quo* tgħid li kienu qablu li r-rikorrent joqgħod fih u tassumi li kien jagħmel dan meta kien ikun Malta. Tgħid li l-fatt li kien mikri kienet il-kelma tagħha kontra tar-rikorrent, ma kinitx ħasset il-ħtieġa li tippreżenta dokumenti dwar dan. Tgħid li l-affarijiet li kien hemm tar-rikorrent għal bidu tpoġġew f'kamra tal-fond imbagħad poġġiethom f'garaxx tagħha.

Tgħid li matul is-snin tas-separazzjoni siefret xi ħames darbiet. Tgħid li meta kienu flimkien, kieku setgħet kienet torbtu f'Malta u mhux minnu li hu siefer biex iħallas l-iskejjel tat-tfal. Tispjega li ma telghux l-Irlanda bħala familja iżda hi għażlet li tmur hemm meta kellha żewġt itfal ta' inqas minn erba' snin.

Mistoqsija kif setgħa r-rikorrent jixtri post jekk hi stess kienet opponiet għall-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti, tgħid li ma tiftakarx kinitx opponiet. Mistoqsija dwar l-episodju ta' Ta' Ċenċ tgħid li verament ġara fl-2005 u kien ta' shock kbir għaliha iżda baqgħet miegħu u saħansitra kellhom tarbija oħra. Tgħid li meta kellha *miscarriage* kien qalilha li kien ser jirritorna Malta iżda r-relazzjoni kienet waħda emozzjonalment abbużiva u kienet qed tipprova żżomm lilha nnifisha u lit-tfal f'ambjent mingħajr periklu. Tgħid li dan iż-żmien kienet ser tibda s-separazzjoni

u r-rikorrent kien ikkonvinċiha tibqa'. Tikkonferma li prova tat-telefonata ta' Ta' Ċenċ qatt ma ġabet. Tgħid li fdat liż-żewġ uliedha l-kbar jitilgħu l-Irlanda wara dakinhar għax kienu pjuttost maturi għall-età tagħhom.

Mistoqsija dwar għaliex l-iżgħar tfal ma setgħux jagħmlu kuntatt ma' missierhom tgħid li dan mhux minnu, iżda kien hemm *bullying* da parti tar-rikorrent kull meta jkellimhom u ma setgħetx tippermetti li jibqgħu jbagħtu kull meta jkellmuh. Tgħid li mhux minnu li kienet tagħlaq l-aċċess. Tispjega li hi kienet topponi għall-aċċess minħabba ċ-ċirkostanzi differenti li kienet tinsab fihom. Tgħid li lit-tfal kien jibgħatilhom kwantità ta' messaġġi abbużivi u kienu huma li fl-aħħar ma baqgħux iwieġbu.

Tgħid li hi talbet aċċess superviżjonat għax ħasset li l-minuri ma kienx jiġi trattat tajjeb. Mistoqsija dwar prova għall-fatt li nkwetat meta qal li għamel azzjoni li biha weġġa' lilu nnifsu tgħid li kien hemm email li hija esebita. Tikkonferma li l-Qorti tal-Familja dejjem tat lill-partijiet żmien adegwat biex iwieġbu. Tikkonferma li l-istess Qorti qatt ma waqqfithom milli jagħmlu rikors. Tikkonferma li kellha l-opportunità tagħmel domandi lil Dr Giorgio.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Illi mis-**sottomissjonijiet** magħmula mill-partijiet, il-Qorti tislet is-segwenti:

Fis-sottomissjonijiet tiegħu, ir-**rikorrent** jikkontendi li ġew leżi d-drittijiet fundamentali tiegħu kif sanċiti mill-Artikoli 6, 8, 13 u 14 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem kif ukoll l-Artikoli 39, 32(c), 46 u 45 tal-Kostituzzjoni.

Jispjega li dan ġara peress li l-aċċess tiegħu għal minuri kien limitat għal aċċess b'superviżjoni stante allegazzjonijiet li saru mill-intimata Wood li qatt ma ġew ippruvati. Isostni li peress li hu ma kellux mezz proċedurali sabiex it-talba tiegħu tinstema' minn Qorti tal-Appell hu ma kellu ebda rimedju disponibbli għalih. Jikkontendi li fl-aħħar kien sta għalih li jġib prova li dak li ngħad dwaru ma kienx minnu u dana ġara biss snin wara. Jagħmilha ċara li hu la jsofri u lanqas qatt ma sofra minn diżordni mentali jew fil-personalità u lanqas huwa minnu li kien prova jagħmel suwiċidju b'uliedu u tant hu hekk li ħadd mit-tfal qatt ma semma dan l-inċident u l-intimata Wood stess sentejn wara kellha wild ieħor minnu.

Isostni li d-drittijiet tiegħu ġew leżi wkoll bil-fatt li ma ġiex mogħti d-dritt li jirrisjedi f'waħda mill-proprjetajiet li l-koppja għandhom flimkien u dana stante digriet fejn il-Qorti ordnat li l-proprjetà f'Malta għandha tintuża esklussivament mill-intimata Wood sabiex tinkera mentri dik tal-Irlanda għandha tintuża bl-istess mod mir-rikorrent. Jikkontendi li b'riżultat ta' dan ma setax jara lill-ibnu l-minuri spiss kemm xtaq minħabba li l-ħlas għall-akkomodazzjoni kien ta' piż żejjed. Jispjega li anke dwar dan ma jeżistix dritt ta' appell u l-uniku rimedju li wieħed għandu hu li jibqa' jintavola r-rikorsi quddiem l-istess qorti.

Jgħid li meta ġew intavolati dawn il-proċeduri, il-proċeduri tas-separazzjoni kien diġà ilhom seba' snin pendenti u l-provi fl-istess kawża ngħalqu fl-2019 u l-fatt li m'hemm

xejn li juri li l-proċeduri waslu fi tmiemhom jkompli juri kemm id-dritt tar-rikorrent li jkollu deċiżjoni fi żmien xieraq ġie leż. Oltre minn hekk, il-perjodu ta' sitt (6) snin sabiex jipprova l-istat mentali tiegħu huwa wkoll eċċessiv.

Fir-rigward tal-leżjoni tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea u b'referenza għad-deċiżjonijiet **Macready v. the Czech Republic** u **Kuppinger v. Germany**, huwa jgħid li għandu jkun hemm rimedju fil-liġi domestika fejn jidħol dewmien fil-proċeduri li jkunu preventivi kif ukoll kumpensatorji. Isostni li d-dewmien f'dan il-każ hu evidenti u rriżulta fi preġudizzju fir-relazzjoni ma' ibnu kif ukoll fl-aċċess tiegħu għal proprjetà. Isostni li l-fatt li għaddew snin bir-rikorrent jara lil ibnu taħt superviżjoni ħalliet impatt fuq ir-relazzjoni ta' bejniethom mentri għalkemm l-awtoritajiet domestiċi għandhom marġini wiesgħa ta' diskrezzjoni fejn jidħlu deċiżjonijiet marbuta ma' responsabilità parentali, hemm il-ħtieġa li jsir skrutinju akbar meta l-istess aċċess jiġi ristrett[1]. Oltre minn hekk jikkontendi li minkejja s-supremità tal-prinċipju tal-aħjar interess tat-tfal, l-interess tal-ġenitur li jara lill-ibnu għandu jkun ukoll fattur determinanti[2]. Isostni li l-fatt li r-rikorrent dam snin twal jara lil ibnu b'superviżjoni minħabba allegazzjoni nfondata li kellha tiġi ppruvati minnu stess, ikkawżat leżjoni tad-drittijiet tiegħu[3]. Jgħid li d-drittijiet tiegħu ġew leżi wkoll bil-fatt li ma kellux aċċess għall-proprjetajiet tal-komunjoni f'Malta bil-konsegwenza li ma għandux dar residenzjali f'Malta u dan imur kontra l-prinċipji stabbiliti fid-deċiżjoni ta' **Ivanova and Cherkezov v. Bulgaria.**

Fir-rigward tal-leżjoni tal-Artikolu 6 tal-Kovenzjoni Ewropea, huwa jgħid li l-każ dam żmien twil sabiex jiġi deċiż u b'tali dewmien wassal sabiex ir-rikorrent ma ngħatax opportunità xierqa stante li l-provi ġew inversi u kellu jipprova li l-allegazzjonijiet tal-intimata Wood kienu inveritieri, mentri hi ma kienet ġabet ebda prova u dana b'nuqqas tal-prinċipju ta' *equality of arms*. Jisħaq li d-dewmien fil-proċeduri huwa vjolazzjoni fih innifsu speċjalment in vista tal-fatt li kien jikkonċerna aċċess għal minuri[4]. Isostni li l-fatt li l-proċeduri ilhom tant pendenti mingħajr tama ta' tmiem huwa minnu nnifsu vjolazzjoni flimkien mal-fatti li min allega ma kellux l-oneru tal-prova fil-proċeduri bir-riżultat li hu safa' mċaħħad mid-drittijiet tiegħu.

Fir-rigward tal-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni jissottometti li hu ma kellu l-ebda rimedju sabiex jilmenta fuq it-tul tal-proċeduri u għalhekk sofra vjolazzjoni tad-drittijiet tiegħu. Jgħid li talab ukoll li jkun hemm referenza kostituzzjonali liema talba ma ntlaqatx. Isostni li ma kellu l-ebda mezz biex jappella d-deċiżjonijiet fir-rigward tal-aċċess tal-minuri kif ukoll tal-użu tal-proprjetà. Isostni li huwa ċar li l-proċeduri ħallew impatt negattiv fuq il-ħajja familjari tiegħu[5].

Fir-rigward tal-ewwel artikolu tal-ewwel protokoll isostni li fil-każ odjern kien proprju l-Qorti li kissret dan id-dritt u ċaħdet lir-rikorrent mit-tgawdija ta' kull proprjetà hawn Malta li wassal ukoll sabiex ikollu impatt fuq il-ħajja familjari tiegħu.

Fir-rigward tal-Artikolu 14 tal-Kovenzjoni Ewropea, ir-rikorrent isostni li fil-każ **Cinta v. Romania** instab li kien hemm leżjoni ta' dan id-dritt stante li l-missier kellu restrizzjonijiet fuq aċċess minħabba diżordni mentali. Jissottometti li l-każ tiegħu

[1] Issir referenza għal Paparrigopoulos v Greece, Sahin v Germany, Sommerfel v Germany, Kutzner v Germany
[2] Issir referenza għal Neulinger and Shuruk v Switzerland, Gnahore v France, T.C. v Italy, Ribic v Croatia
[3] Issir referenza għal Cincimo v Italy, Strumia v Italy
[4] Issir referenza għal Hokkanen v Finland, Niederboster v Germany, Tsikakis v. Germany, Laino vs Italy u Paulsen-Medalen and Svensson v. Sweden.
[5] Issir referenza għad-deċiżjonijiet Chiragov and Others v Armenia, Sargsyan v Azerbaijan

jmur oltre minn hekk stante li ġie mċaħħad fuq biss allegazzjoni li bl-ebda mod ma ġiet ippruvata.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Min-naħa tagħha l-intimata, **Corinne Wood** tibda billi tinsisti dwar l-eċċezzjoni tagħha li mhix il-leġittima kontradittriċi f'din l-azzjoni u dana stante li l-allegata leżjoni tad-drittijiet fundamentali tal-attur hija waħda li ma tistax tirnexxi kontra tagħha u li bħala ċittadina privata ma tistax tinstab responsabbli ta' ebda vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem. In sostenn ta' dan tirreferi għad-deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **Carmelo sive Charles Buttigieg v. Albert Mizzi noe** deċiża fid-9 ta' Ottubru 1989, kif ukoll **Maurice Mizzi v. Malta** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-12 ta' Jannar 2006.

Tissottometti li t-talba tar-rikorrenti li l-Artikolu 46(5) tal-Kostituzzjoni nnifisha jiġi ddikjarat leżiv tad-drittijiet fundamentali tiegħu hija improponibbli u dana stante li huma l-liġijiet ordinarji li jistgħu jinsabu leżivi tad-drittijiet. Oltre minn hekk, issostni li d-deċiżjonijiet tal-Qorti tal-Familja fejn it-talbiet tar-rikorrent għal referenza kostituzzjonali ġew iddikjarati frivoli u vessatorji ma sarux b'mod leġġer u għalhekk il-Kostituzzjoni nnifisha ma tippermettix aktar ħela ta' ħin u għalhekk tipprojbixxi appelli minn dawk id-deċiżjonijiet. In sostenn ta' dan tirreferi għad-deċiżjoni fl-ismijiet **Olaf Cini v. L-Avukat Ġenerali tar-Repubblika et** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-23 ta' Ottubru 2004. Telenka f'sottomissjonijiet voluminużi diversi raġunijiet għala hi tqis li l-Qorti tal-Familja kienet ġustifikata fid-deċiżjoni tagħha li qieset ir-referenzi kostituzzjonali bħala frivoli u vessatorji u għalhekk tikkontendi li ma ġie miċħud ebda dritt lir-rikorrent.

Fir-rigward tal-allegata leżjoni tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokol u l-Artikoli 6 u 8 tal-Konvenzjoni Ewropea, l-intimata Wood tgħid li r-rikorrent ma ġab ebda prova li effettivament turi li kien hemm xi leżjoni tad-drittijiet tiegħu. Issostni li ma tistax tifhem l-allegata leżjoni tal-Artikolu 8 meta hu evidenti li kien ir-rikorrent innifsu li abbanduna l-familja tiegħu li hu evidenti mill-aġir ta' wliedu l-kbar li ma jridux kuntatt miegħu. Tissottometti li d-dewmien kollu quddiem il-Qorti tal-Familja seħħ sabiex jiġi appuntu aċċertat l-aħjar interess tat-tfal in vista ta' dak li kien qed jiġri fil-kawża u għalhekk ampjament fil-parametri tal-Artikolu 6.

Tiġbed l-attenzjoni tal-Qorti għal fatt li apparti din il-kawża kostituzzjonali saru erba' (4) talbiet għal referenzi kostituzzjonali. Tikkontendi li r-rikorrent ma jista' bl-ebda mod jgħid li ġie leż id-dritt tal-godiment tal-proprjetà tiegħu meta l-proprjetajiet qed jintużaw għas-sostenn ta' familtu wara li hu waqqaf il-manteniment. Issostni li l-vera raġuni għaliex ir-rikorrent ma jiġix Malta hi proprju għax jippreferi li jqatta' l-ħin ma' familtu l-oħra fl-Irlanda. Tgħid li dan hu evidenti mir-rapport tal-psikologa Carmen Sammut.

Tinsisti li d-drittijiet tal-minuri fl-aħħar mill-aħħar għandhom jissupersistu kull dritt ieħor u għandhom jiġu salvagwardjati u kien proprju dan li l-Qorti tal-Familja għamlet. Issostni li l-aċċess superviżjonat kien fil-fatt forma ta' għajnuna lill-istess rikorrent sabiex jifforma relazzjoni tajba ma' missieru u biex l-istess minuri ma jgħaddix minn esperjenzi li jistgħu jittimbrawlu ħajtu. Tiġbed l-attenzjoni tal-Qorti

għall-fatt li anke fl-atti li ppreżenta quddiem din il-Qorti, ir-rikorrent kien selettiv u ħalla barra dak li ma jaqbilx lilu u għalhekk din il-Qorti għandha tara l-verżjonijiet fl-interità tagħhom.

Fir-rigward tad-dewmien fil-proċeduri tissottometti li l-kawża ġiet ippreżentata fit-2 ta' Awwissu 2021 u r-rikorrent ġie notifikat f'Marzu 2013. Fid-9 ta' Mejju 2013 ġie maħtur Dr Vincent Galea bħala Perit Legali. L-intimata għalqet il-provi tagħha fit-3 ta' Frar 2015 u r-rikorrent fl-ewwel nofs tal-2017 - iżda r-Rapport tal-Perit Legali ġie ppreżentat fit-3 ta' Lulju 2021, u dan it-trapass hu attribwibbli għal erba' (4) talbiet għal referenzi kostituzzjonali li r-rikorrent ippreżenta bejn l-4 ta' Lulju 2018 u t-2 ta' Ottubru 2020 li ġie miċħud fid-9 ta' Frar 2021, fejn l-istess Qorti rrimarkat li dan kien qed isarraf f'dewmien bi preġudizzju għall-amministrazzjoni tal-ġustizzja. Iżżid li wara dan kien ir-rikorrent li talab il-ħatra tal-Psikologa Carmen Sammut u wara dan talab għall-ħatra ta' perizja perizjuri, minn liema deċiżjoni reġa' appella.

Fir-rigward tal-leżjoni tad-dritt sanċit bl-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni tgħid li r-rikorrent dejjem kellu rimedju effettiv għad-disponibilità tiegħu. Tissottometti li l-Qorti dejjem ikkunsidrat kull rikors lilha ppreżentat u tat widen liż-żewġ partijiet, biss li Qorti ma tilqax talba ma jfissirx li dik il-parti ma jkolliex rimedju effettiv. Oltre minn hekk, l-Artikolu 13 ma jistax japplika waħdu iżda flimkien ma vjolazzjoni oħra tad-drittijiet fundamentali u għalhekk la darba m'hemm ebda vjolazzjoni, mela allura l-Artikolu 13 ma jistax japplika.

Fir-rigward tal-leżjoni tad-drittijiet sanċiti bl-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni tissottometti li r-rikorrent naqas milli jipprova xi forma ta' diskriminazzjoni.

## <u>Ikkunsidrat ulterjorment</u>

Min-naħa tiegħu l-Avukat tal-Istat jibda' biex jgħid li r-rikorrent ma jistax iressaq kawża a bażi tal-Artikolu 32 tal-Kostituzzjoni għax dan ma jagħtix dritt għat-tali azzjoni u in sostenn ta' dan jirreferi għad-deċiżjoni fl-ismijiet **X v. L-Avukat Ġenerali u l-Kummissarju tal-Pulizija** deċiża fis-16 ta' Lulju 2019.

Isostni li r-rikorrent kellu rimedju ordinarju jekk ried jattakka ċertu digriet ai termini tal-Artikolu 32(2) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta fejn l-ilment tiegħu seta' kien investigat mill-Qorti Ordinarja.

Jissottometti b'referenza għad-deċiżjoni ta' din il-Qorti, diversament preseduta, fl-ismijiet **Dottor Harry Vassallo v. Onorevoli Prim Ministru et** deċiża fid-9 ta' Ottubru 2001, li ma jistax ikun hemm ilment Kostituzzjonali dwar xi parti mill-Kostituzzjoni nnifisha u għalhekk it-talbiet rikorrenti vis-a-vis l-Artikolu 46(5) hija waħda improponibbli. Oltre minn hekk, jgħid li l-Artikolu 46(5) tal-Kostituzzjoni, kif ingħad fil-kawża fl-ismijiet **Kummissarju tal-Artijiet v. Ignatius Licari** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-30 ta' Ġunju 2004, jekk kemm-il darba Qorti tqis kwistjoni li tqajmet quddiemha bħala frivola u vessatorja huwa loġiku li ma jkunx hemm appell mill-istess stante li fl-aħħar mill-aħħar ir-referenza trid issir mill-Qorti u l-mistoqsijiet irid isiru minn dik il-Qorti stess.

Jiġbed l-attenzjoni tal-Qorti għad-deċiżjoni riċenti tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **L-Avukat Dottor Anthony P Farrugia v. Financial Intelligence Analysis Unit** deċiża fil-25 ta' Ottubru 2023 fejn il-Qorti saħqet li la darba talba għal referenza kostituzzjonali tiġi ddikjarata frivola u vessatorja, l-istess rikorrent ma jistax jintavola proċeduri kostituzzjonali dwar l-istess materja u għalhekk dawn il-proċeduri għandhom jiġu ddikjarati irriti u nulli. Jirreferi għad-deċiżjoni ta' din il-Qorti tas-16 ta' Jannar 2023 fl-ismijiet **Mary Grech v. Avukat tal-Istat et** fejn din il-Qorti ħadet dik l-istess linja u għalhekk jikkontendi li l-istess għandha tagħmel din il-Qorti f'dawn il-proċeduri fejn huwa ċar daqs il-kristall li l-mertu tar-referenza u tal-kawża kostituzzjonali huma identiċi. Jirreferi għas-sottomissjonijiet tar-rikorrent stess fejn hemm ammissjoni ċara li dawn il-proċeduri nfettħu propju għax ġiet irrifjutata t-talba tiegħu għal referenza kostituzzjonali.

Fil-mertu, isostni li l-Qorti tal-Familja għandha kawżi ta' natura straordinarja partikolarment dawk li jirrigwardaw il-minuri u għalhekk meta ħadet ċertu miżuri dan m'għamlitux *in vacuo* - iżda wara li għexet il-każ, ratu jevolvi, qieset il-fatti kollha, semgħet ix-xhieda u rat diversi rapporti minn ħaddiema tal-Aġenzija Appoġġ, minn psikologi u mill-Avukat tat-Tfal. Jgħid li fil-każ in eżami jidher li kien hemm riskju fil-każ tal-ulied u dan mhux biss a bażi tax-xhieda tal-omm iżda wkoll a bażi ta' xhieda tar-rikorrent stess.

Jenfasizza li fil-fatt l-aċċess qatt ma ġie limitat iżda superviżjonat u jqis li hu pass għaqli li l-istess Qorti tal-Familja għamlet dan għax jeħtieġ li f'dawn il-każijiet partikolari tkun aktar kawta. Oltre minn hekk, jgħid li din il-Qorti m'għandhiex tidħol fil-mertu ta' każ pendenti quddiem il-Qorti tal-Familja u għalhekk mhuwiex sew li din il-Qorti ġiet mgħobbija b'dokumentazzjoni esaġerata minn tali proċess.

Fir-rigward tal-allegata leżjoni tad-drittijiet sanċiti bl-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll jgħid li l-fatt li l-Qorti awtorizzat lill-partijiet sabiex jikru proprjetà tal-komunjoni m'għandiex tammonta għal ksur tad-drittijiet tagħhom għall-proprjetà. Isostni li dan juri kemm hi tassew bilanċjata l-Qorti fid-deċiżjoni tagħha meta għarfet li wara kollox ir-rikorrent ma kien qed jagħti xejn mill-flus li jdaħħal mill-proprjetà tal-Irlanda u li l-intimata kellha bżonn dawk il-flus sabiex taġixxi fl-interess ta' wliedha stante li r-rikorrent ma kienx qed iħallas manteniment u għalhekk ċertament li l-fatt li r-rikorrent ma jkollux post fejn ikun jista' joqgħod meta jiġi Malta m'għandux jammonta għal xi ksur ta' xi dritt fundamentali. Oltre minn hekk, l-Artikolu 37 ma japplikax f'dan il-każ stante li dan ma jammontax għal teħid forzuż u l-Artikolu 37(2)(h) jeskledi t-teħid ta' pussess jew akkwist ta' proprjetà fl-eżekuzzjoni ta' sentenzi jew ordnijiet ta' qrati.

Fir-rigward tal-Artikolu 6 tal-Kovenzjoni u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni jgħid li din il-Qorti għandha tqis il-proċeduri fit-totalità tagħhom, tara jekk kinux immexxija b'ġustizzja. Isostni li mhix il-funzjoni ta' din il-Qorti li ssir qorti tat-tieni istanza jew qorti ta' reviżjoni. Jissottometti li jidher ċar li r-rikorrent dejjem kellu l-fakultà li jsemma leħnu, jgħid li l-Qorti fl-ebda punt ma waqqfitu milli jippreżenta r-rikors, noti u risposti tiegħu u dejjem iddegredat l-istess rikorsi. Oltre minn hekk, jissottometti li d-dewmien tal-każ li r-rikorrent qed jilmenta minnu kien proprju minħabba l-volum ta' rikorsi intavolati minnu stess. Jgħid li ċertament li ma jistax jingħad li r-rikorrent ma kellux żmien biżżejjed biex jagħmel il-każ tiegħu. Jikkontendi li fil-fatt li l-Qorti ma laqgħetx it-talbiet tiegħu ma jfissirx li hemm leżjoni tad-drittijiet tiegħu.

Fir-rigward tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni, l-Avukat tal-Istat jgħid li l-ebda dritt mhu assolut u f'dan il-każ dan id-dritt huwa wkoll soġġett għal limitazzjoni ta' fejn l-intervent tal-Istat ikun ġustifikat - li f'dan il-każ hu. Jissottometti li d-drittijiet tal-minuri huma supremi u għandhom jiġu meqjusa iktar importanti mid-drittijiet tal-ġenituri nnifishom u huwa proprju fl-interess tal-minuri li l-Qorti ordnat li l-aċċess ikun superviżjonat. In sostenn ta' dan jirreferi għad-deċiżjonijiet tal-Qorti Ewropea fl-ismijiet **Neulinger and Shuruk v. Switzerland** deċiża fis-6 ta' Lulju 2010 u **Lanouar Bounab pro et noe v. Avukat Ġenerali** deċiża fis-27 ta' Frar 2004.

Fir-rigward tal-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni jissottometti li l-Artikolu 14 dejjem irid jiġi nvokat fil-kuntest tad-drittijiet sostantivi, li f'dan il-każ ma jirriżultax. Mentri, fil-każ tal-Kostituzzjoni jrid ikun abbinat ma' waħda mill-kawżali hemm kontenuti, li f'dan il-każ ma tirriżultax. Oltre minn hekk, irid ikun hemm xebħ fuq bażi ta' *like with like* li f'dan il-każ lanqas ma jirriżulta stante li r-rikorrent qed iqabbel lilu nnifsu li hu waħda, mal-intimata li għandha fir-responsabbilità tagħha ħamest itfal.

Fir-rigward tal-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea jgħid li dan l-ilment huwa konċettwalment ħażin u dana stante li l-proċeduri odjerni stess għandhom is-saħħa li jagħtu rimedju lir-rikorrent.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi stabbiliti l-fatti u magħrufa s-sottomissjonijiet tal-partijiet għalhekk, il-Qorti sejra issa tgħaddi sabiex teżamina u tiddeċiedi dwar it-talbiet rikorrenti u l-eċċezzjonijiet mressqa mill-intimati fir-risposta tagħhom.

Iżda qabel tgħaddi biex tagħmel dan, jeħtieġ li l-ewwel u qabel kollox tqis il-proponibilità tal-azzjoni u dana stante l-punt sollevat mill-Avukat tal-Istat fis-sottomissjonijiet tiegħu fejn sostna li din il-Qorti għandha tiddikjara t-talbiet rikorrenti irriti u nulli stante li kienu diġà l-mertu ta' talba għal referenza kostituzzjonali liema talba ġiet iddikjarata frivola u vessatorja.

Il-Qorti żżid tghid li anke li kieku din il-kwistjoni ma tqajmitx mill-Avukat tal-Istat, kienet xorta waħda sejra teżamina din il-kwistjoni stante li mill-provi rriżulta li saru numru ta' talbiet għal referenzi kostituzzjonali li ġew miċħuda u ddikjarati frivoli u vessatorji.

Jirriżulta mill-atti, li qabel ma ntavola dawn il-proċeduri, ir-rikorrent, permezz ta' rikors fl-atti tal-kawża ta' separazzjoni datat 4 ta' Lulju 2018 u ieħor datat 19 ta' Frar 2019, talab lill-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja), referenza kostituzzjonali fuq il-punti mressqa fl-istess rikorsi. Din il-Qorti fliet l-istess rikorsi u tinnota li r-raġunijiet hemm kontenuti u l-binarji li fuqhom saret t-talba tar-rikorrent dakinhar kienu propju l-istess bħal dawk li għandha quddiemha l-Qorti llum permezz tal-proċeduri odjerni iżda limitata għall-Artikoli 6, 8 u 14 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem flimkien mal-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokoll.

Jirriżulta li permezz tad-Digriet tagħha tal-20 ta' Marzu 2019, il-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) għat-talba għar-referenza kostituzzjonali, waslet għas-segwenti konklużjoni:

*"Filwaqt li tiddikjara r-rikors bħala wieħed frivolu u vessatorju;*

*Tiċħad it-talba."*

**Dan hu kkonfermat mir-rikorrent stess li permezz tal-proċeduri odjerni qed jattakka l-Artikolu 46(5) tal-Kostituzzjoni stante li ma setax jappella mill-istess digriet. Jidher ċar anzi li dawn il-proċeduri ġew intavolati b'reazzjoni għall-istess digriet.**

Jirriżulta wkoll li <u>fil-mori ta' dawn il-proċeduri</u>, permezz ta' rikors datat 3 ta' Awwissu 2020, ir-rikorrent reġa' għamel talba għal referenza kostituzzjonali fejn allega li kien hemm vjolazzjoni tad-dritt tiegħu sanċit bl-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea.

Jirriżulta li permezz tad-Digriet tagħha tas-17 ta' Settembru 2020, il-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) iddeċidiet:

> *"Tiddikjara t-talba għal riferenza kostituzzjonali bħala waħda frivola u vessatorja, u għalhekk tiċħad l-istess talba"*

Il-Qorti tosserva l-insenjament tal-Qorti Kostituzzjonali fid-deċiżjoni tagħha fl-ismijiet **Alan Mifsud et v. Avukat Ġenerali et** deċiża fit-23 ta' Novembru 1990, fejn il-Qorti kkonkludiet is-segwenti:

> *"Is-sentenza li minnha sar dan l-appell waqt li kkunsidrat illi skond l-art. 46(5) tal-Kostituzzjoni ta' Malta:*
>
> *"Ma jkunx hemm appell minn xi deċiżjoni skond dan l-artikolu li xi talba jew it-tqanqil ta' xi kwistjoni tkun sempliċement frivola jew vessatorja" qalet effettivament li r-rikors tar-rikorrent ma jikkostitwixxi appell mid-deċiżjoni ta' dik il-Qorti ta' Maġistrati tant illi:*
>
> *"din il-Qorti ma tistax tordna r-revoka jew riforma ta' dik id-deċiżjoni li hija inapplellabbli, din il-Qorti tista' tieħu konjizzjoni tat-talba u tagħti rimedju jekk ikun il-każ, dejjem fil-limiti preskritti, billi din il-Qorti, skond id-disposizzjonijiet tas-subartikoli (2) ta' l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni għandha diskrezzjoni wiesgħa fl-għażla ta' rimedji biex tiżgura l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem";*
>
> *Bid-dovut rigward għal dik l-Onorabbli Qorti din il-pożizzjoni ma tantx hija sodisfaċneti;*
>
> *Qiegħed infatti jingħad illi:*
>
> *(a) l-Ordinanza tal-Qorti tal-Maġistrati li ddikjarat li l-kwistjoni sollevata mir-rikorrenti hija frivola u vessatorja, hija inappellabbli;*
> *(b) illi konsegwentement il-Qorti tal-Maġistrati korrettament ordnat il-prosegwiment tal-kawża;*
> *(c) illi l-kwistjoni materja ta' dan ir-rikors quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili hija l-kwistjoni identika sollevata quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u dddikjarata frivola u vessatorja;*
> *(d) illi minħabba din l-inappellabbilita` l-Prim' Awla ma tistax tordna r-revoka u ir-riforma ta' dik id-deċiżjoni;*

*(e) illi dik l-Onorabbli Qorti, pero` tista tieħu konjizzjoni tar-rikors u tagħti rimedju, dejjem fil-limiti preskritti, billi dik il-Qorti għandha diskrezzjoni wiesgħa fl-għażla tar-rimedju biex tassigura l-protezzjonijiet tad-drittijiet fundamentali;*

*Dawn il-ħames prepożizzjonijiet ma jistgħux joqogħdu flimkien. Jekk il-kwistjoni sollevata hija frivola u vessatorja u l-Qorti tal-Maġistrati korrettament ordnat il-prosegwiment tal-kawża quddiemha (prepożizzjonijiet (a) u (b)) – tant illi l-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili ma tistax tirrevoka jew tirriforma dik id-deċiżjoni (prepożizzjoni (d)) - allura fuq l-istess kwistjoni (proposizzjoni (ċ), ma huwiex possibbli li dik l-Onorabbli Qorti tikkontempla rimedji fejn m'hemmx – ex admissis – kwistjoni għaliex mhux possibli li tikkonsidra rimedji għal problema li hija frivola u vessatorja, ċjoe` ma hija problema xejn;*

*Il-Qorti tifhem illi "frivola" riferibbilment għall-kwistjoni Kostituzzjonali li tiġi sollevata quddiem xi qorti – barra l-Qorti Kostituzzjonali jew il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili – tfisser li dik il-kwistjoni hija, ta' ebda preġja jew valur, vana, nieqsa mis-serjeta, manifestament nieqsa mis-sens, li ma jistħoqqilhiex attenzjoni; waqt li "vessatorja" tfisser li l-kwistjoni ġiet sollevata mingħajr raġunijiet suffiċjenti u bl-iskop li ddejjaq u tirrita lill-kontroparti;*

*Iż-żewġ konċetti kienu diġa ġew akkwisiti fl-ordinament tagħna qabel il-Kostituzzjoni ta' l-1964. Difatti l-art. 223(4) tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili jipprovdi għall-każijiet ta' appelli fiergħa u vessatorji nkwantu* ***frivoli*** *u* ***fiergħa*** *huma ġuridikament ta' l-istess portata. Waqt li l-artikolu 223 jorbot iż-żewġ kwalifiki – fiergħa u vessatorji – l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni jpoġġihom f'pożizzjoni alternattiva.*

*Issa biex jiġi rispettat il-vot ta' l-artikolu 45 subinċis (5) tal-Kostituzzjoni, irid jiġi assikurat illi deċiżjoni ta' qorti kompetenti li tgħid li xi kwistjoni kostituzzjonali sollevata quddiemha hija frivola u/jew vessatorja mhux soġġetta għall-appell, ma tiġi aġġirata u effettivament annullata,* ***indirettament****;*

*L-ewwel Onorabbli Qorti kkunsidrat illi l-Qorti tal-Maġistrati assigurat il-prossegwiment tal-kawża, bis-saħħa ta' l-inappellabbilita` tad-deċiżjoni tagħha li l-kwistjoni sollevata kienet frivola u vessatorja. Imma dan mhuwiex biżżejjed, jekk kemm -il darba wara rikors bħall-preżenti, fuq* ***l-istess materja,*** *fuq* ***kwistjoni identika****, jkun hemm il-possibilita` li l-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Ċivili jew din l-istess Qorti Kostituzzjonali ma taqbilx ma' dik id-deċiżjoni, u taddotta xi rimedju – li bilfors u neċessarjament jinċidi fuq il-kawża li tkun għadha għaddejja jew tkun ġiet konkluża, quddiem il-Qorti li tkun ħadet id-deċiżjoni ta' frivolezza jew vessatorjetal u kull rimedju li jista' jingħata neċessarjament u inevitabbilment jimplika mhux biss riforma imma revoka sostanzjali jew mhux formali, ta' l-ewwel deċiżjoni* ***għaliex din kienet sempliċement l-esklużjoni ta' kwalsiasi rimedju****;*

*Il-Qorti tifhem li l-pożizzjoni proċedurali korretta li nħolqot bil-provvedimenti kostituzzjonali hija fis-sens illi kull persuna li waqt xi proċediment quddiem xi qorti – li mhix il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili jew il-Qorti Kostituzzjonali – jidhrilha li qamet xi kwistjoni kostituzzjonali li – dik il persuna trid tagħżel – jew li tipproċedi permezz ta' rikors quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili jew billi tissolleva l-kwistjoni sabiex dik il-Qorti tibgħat l-istess quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili. Meta tingħażel din it-triq ta' riferenza, il-persuna tkun qiegħda effettivament tinkorri r-riskju proċedurali li dik il-Qorti tiddeċidi li l-kwistjoni tieqaf hemm jekk tiġi kkonsiderata frivola jew vessatorja. Altrimenti d-disposizzjonijiet kostituzzjonali proċedurali, fir-rigward, ma jistax ikollhom sens u konsistenza. Di fatti l-kwistjoni preżenti sollevata mir-rikorrenti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati – ġiet effettivament eżaminata minn tliet qrati – mill-Qorti tal-Maġistrati, mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili u minn din il-Qorti Kostituzzjonali. – Dan imur kontra l-prinċipju fundamentali tas-sistema tagħna li hija bbażata fuq żewġ gradi ġurisdizzjonali u li tippermetti biss it-tielet eżami fil-kamp ristrett tar-ritrattazzjoni. U l-kontro sens proċedurali jirrikaċċja aktar meta jiġi kkonsiderat illi qed jingħata triplu eżami għall-materja li l-liġi lanqas ma tikkonċedilna d-doppju eżami normali inkwati l-materja hija frivola u/jew vessatorja;*

*Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti filwaqt li tikkonferma d-dikjarazzjoni li hemm fis-sentenza ta' l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili li t-talbiet tar-rikorrenti huma mingħajr ebda bażi legali inkwantu jidhrilha li r-rikorrenti ma kellu ebda dritt li jipproċedu permezz ta' rikors li l-kontenut tiegħu kien jirrigwarda l-istess kwistjoni kostituzzjonali li l-Qorti tal-Maġistrati kienet iddikjarat frivola u vessatorja u wisq anqas jinterponu dan l-appell li huwa in effett fieragħ u vessatorju.*

Ghalkemm il-Qorti hija ben konxja minn ġurisprudenza limitata u kif ukoll awturi awtorevoli fuq il-Liġi Kostituzzjonali tagħna bħal ma huwa l-Professur Tonio Borg li jgħidu mod ieħor, b'dana kollu l-pożizzjoni meħuda fil-każ appena ċitat ġie kkonfermat ukoll riċentement fis-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **L-Avukat Dr Anthony P Farrugia v. Financial Intelligence Analysis Unit u l-Avukat tal-Istat** deċiża fil-25 ta' Ottubru 2023, fejn il-Qorti kkonkludiet is-segwenti:

*23. Evidenti li l-leġislatur ma riedx jagħti dritt ta' appell fejn deċiżjoni taħt l-Art. 46 tkun iddikjarat li t-tqanqil ta' kwistjoni tkun sempliċement frivola jew vessatorja. Għalhekk m'għandux ikun li wara r-rikorrent jagħmel talba identika billi minflok jiftaħ kawża kostituzzjonali, fejn ovvjament ser jerġa' jiġi eżaminat il-punt. Dik il-materja ġiet determinata b'mod defenittiv fl-istadju meta r-rikorrent talab lill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) sabiex tordna referenza ai termini tal-Art. 46(3) tal-Kostituzzjoni u Art. 4 tal-Kap. 319. Ir-raġunament li għamlet il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) meta ċaħdet it-talba tar-rikorrent sabiex tordna referenza, fiha nnifisha turi li dik il-qorti kkunsidrat it-talba bħala "sempliċement frivola jew vessatorja" (Art. 46(3) tal-Kostituzzjoni)."*

Din il-Qorti għalhekk tqis illi din hija l-pożizzjoni prelevanti u bil-ħsieb ta' ċertezza u konsistenza fil-mod kif il-Qrati tagħna qed japplikaw l-Artikolu 46(5) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, allura din il-Qorti m'għandha xejn x'iżżid ma dan l-insenjament ħlief li tagħmlu tagħha.

Minn qari tar-rikorsi fuq ċitati fejn ir-rikorrent talab li ssir referenza kostituzzjonali u mir-rikors promotur li bih inbdew dawn il-proċeduri jirriżulta li l-materja hija l-istess u li l-kwistjoni hija waħda identika. Tinnota wkoll iżda li t-talba dakinhar kienet limitata għall-Artikoli 6, 8 u 14 tal-Konvenzjoni Ewropea flimkien mal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll. Isegwi għalhekk li ma kinitx tikkonċerna l-Artikoli 39, 32(c), 45 u 37 tal-Kostituzzjoni u 13 tal-Konvenzjoni Ewropea.

Għalhekk din il-Qorti m'għandiex tqis u tippronunċja ruħha dwar dik il-parti tal-mertu tal-proċeduri odjerni li diġà ġew ddikjarati frivoli u vessatorji fid-digriet tal-20 ta' Marzu 2019 tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) li permezz tiegħu ġiet miċħuda t-talba għal referenza kostituzzjonali, iżda xorta waħda jeħtieġ tikkunsidra u tiddeċiedi dwar l-allegati leżjonijiet li jolqtu l-artikoli l-oħra ċitati.

**Illi għalhekk din il-Qorti ser tkun qed tikkunsidra it-talbiet rikorrent biss fir-rigward tal-Artikoli 39, 32(c), 45, 46 u 37 tal-Kostituzzjoni u 13 tal-Kovenzjoni Ewropea, filwaqt illi tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-ilmenti tar-rikorrenti bbazati fuq l-istess artikoli illi dwarhom gja ppronunzjat ruha il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) fejn iddikjarat illi l-pretensjonijiet u t-talbiet maghmula mir-rikorrenti kienu frivoli u vessatorji.**

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi dan stabbilit, il-Qorti issa ser tgħaddi sabiex tiddeċiedi l-eċċezzjonijiet preliminari kif imressqa mill-intimati:

**<u>L-intimata Corinne Wood mhix il-leġittima kontradittriċi f'din il-proċedura</u>**

Fl-ewwel eċċezzjoni tagħha, l-intimata Wood teċċepixxi li mhix il-leġittima kontradittriċi f'din il-proċedura stante li huwa prinċipju ben stabbilit fil-ġurisprudenza nostrana kif ukoll Ewropea illi d-drittijiet fundamentali tal-bniedem huma parti mid-dritt pubbliku u bħala tali esperibbli biss kontra l-Istat.

Il-Qorti tosserva li filwaqt li huwa minnu li l-lanjanza tar-rikorrenti tikkonċerna l-aġir tal-Qrati, xorta jibqa' l-fatt li l-intimata Wood kienet u għadha parti integrali mill-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Familja. La darba permezz ta' din il-proċedura qed jiġu attakkati l-istess proċeduri, ċertament li l-intimata Wood għandha interess f'dawn il-proċeduri li jistgħu jwasslu għal konsegwenzi f'dawk l-istess proċeduri. Il-Qorti tirreferi għal dan il-għan għas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tal-10 ta' Ottubru 2022 fil-kawża **Anna Vassallo ġja Spiteri v. Avukat tal-Istat** (454/21/1).

B'hekk din il-Qorti tqis li l-intimata Wood għandha interess li tkun parti f'dawn il-proċeduri.

**Għalhekk din il-Qorti sejra tgħaddi biex tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-intimata Wood.**

**L-azzjoni rikorrenti ma tiswiex in kwantu mibnija fuq l-Artikolu 32(c) u l-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni**

Permezz tal-ewwel eċċezzjoni tal-Avukat tal-Istat u t-tieni eċċezzjoni tal-intimata Wood, l-intimati jeċċepixxu li l-azzjoni tar-rikorrenti ma tiswiex in kwantu mibnija fuq l-Artikolu 32(c) u l-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni u dana peress illi dawn l-artikoli ma jippreskrivux xi jedd li l-ksur tiegħu jikkostitwixxi ksur ta' xi jedd fundamentali.

L-**Artikolu 32 tal-Kostituzzjoni** jgħid testwalment hekk:

> ***32.****Billi kull persuna f'Malta hija intitolata għad-drittijiet ulibertajiet fundamentali tal-individwu, jiġifieri, id-dritt, tkun xitkun ir-razza, post ta' oriġini, fehmiet politiċi, kulur, twemmin,sess, orjentazzjoni sesswali jew identità tal-ġeneru tagħha, iżdasuġġett għar-rispett tad-drittijiet u l-libertajiet ta' oħrajn u tal-1interess pubbliku, għal kull waħda u kollha kemm huma dawn liġejjin, jiġifieri-*
> *(a) il-ħajja, libertà, sigurtà tal-persuna, it-tgawdija ta'proprjetà u l-protezzjoni tal-liġi;*
> *(b) il-libertà ta' kuxjenza, ta' espressjoni u ta' għaqda uassoċjazzjoni paċifika; u*
> *(ċ) ir-rispett għall-ħajja privata u familjari tiegħu,*
> *id-disposizzjonijiet li ġejjin ta' dan il-Kapitolu jkollhom effettsabiex jagħtu protezzjoni għad-drittijiet u libertajiet imsemmijaqabel, salvi dawk il-limitazzjonijiet ta' dik il-protezzjoni kifjinsabu f'dawk id-disposizzjonijiet li huma limitazzjonijietmaħsuba biex jiżguraw illi t-tgawdija tal-imsemmija drittijiet ulibertajiet minn xi individwu ma tippreġudikax id-drittijiet ulibertajiet ta' oħrajn jew l-interess pubbliku.*

Filwaqt li l-**Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni** jgħid is-segwenti:

> ***46****.(1) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikoli (6) u(7) ta' dan l-artikolu, kull persuna li tallega li xi waħda mid-disposizzjonijiet tal-artikoli 33 sa 45 (magħdudin) ta' din il-Kostituzzjoni tkun ġiet, tkun qed tiġi jew tkun x'aktarx ser tiġimiksura dwarha, jew kull persuna oħra li l-Prim'Awla tal-QortiĊivili f'Malta tista' taħtar ad istanza ta' xi persuna li hekk tallega,tista', bla ħsara għal kull azzjoni oħra dwar l-istess ħaġa li tkuntista' ssir legalment, titlob lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għal rimedju.*
>
> *(2) Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għandu jkollha ġurisdizzjonioriġinali li tisma' u tiddeċidi kull talba magħmula minn xi persunaskont is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, u tista' tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqasabiex twettaq, jew tiżgura t-twettiq ta' kull waħda mid-disposizzjonijiet tal-imsemmija artikoli 33 sa 45 (magħdudin) ligħall-protezzjoni tagħhom tkun intitolata dik il-persuna:Iżda l-Qorti tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekktagħmel, tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha skont dan is-subartikolu f'kull każ meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta'rimedju*

> *għall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skont xi liġi oħra.*

Il-Qorti tosserva d-deċiżjoni ta' din il-Qorti, diversament preseduta, fl-ismijiet **X v. L-Avukat Ġenerali et** deċiża fis-16 ta' Lulju 2019 fejn il-Qorti kkonkludiet is-segwenti:

> *Illi din il-Qorti issib li din l-eccezzjoni hija gustifikata. L-artikolu 32 huwa sempliċiment daħla għal-lista ta' Drittijiet Umani, kif elenkati fil-Kostituzzjoni u ghalhekk ma jistax jigi invokat kif qed jittentaw jaghmlu r-rikorrenti. Il-Kostituzzjoni stess fl-Artikolu 46(1) teskludi l-artikolu 32 meta **tipprovdi ghall-possibilita` ta' allegazzjoni ta' ksur ta' drittijiet fondamentali a tenur biss tal-artikoli 33 sa 45** u kwindi l-artikolu 32 hu eskluz. Difatti fil-kawza bl-ismijiet "Ghasan Kaseb et pro et noe vs Il-Prim Ministru et" (PA 13 ta' Gunju, 2011), gie ribadit li "l-artikolu 46(1) tal-Kostituzzjoni jitkellem dwar id-dritt ta' kull persuna li tallega l-ksur ta' xi wahda mid-dispozizzjonjiet ta' l-artikoli 33 sa 45 tal-Kostituzzjoni li tiltob rimedju lill-Prim'Awla tal-Qorti Civili. Izda l-Artikou 32 mhux inkluz f'dawk imsemmija fl-artikolu 46. L-imsemmi artikolu 32 huwa biss introduzzjoni ghad-drittijiet fundamentali (bhal fil-kaz ta' l-ewwel artikolu tal-Konvenzjoni), u ghalhekk bhala tali ma jistax jigi invokat."*

Il-Qorti m'għandha xejn x'iżżid ma dan l-insenjament fir-rigward tal-Artikolu 32 tal-Kostituzzjoni ħlief li tagħmlu tagħha. Oltre minn hekk, tinnota li kemm l-Artikolu 46 nnifsu u kemm l-istess deċiżjoni ċitata jeskludu l-Artikolu 46. Il-Qorti taqbel li r-raġunament tad-deċiżjoni ċitata għandu jkun estiż ukoll fir-rigward tal-Artikolu 46 u dana stante li dan wara kollox huwa artikolu li jirregola proċedura u li mhux minnu nnifsu jikkontjeni xi dritt.

**Għalhekk din il-Qorti sejra tgħaddi biex tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-intimati fir-rigward u tiddikjara li azzjoni kif proposta, safejn riferibbli u bbażati fuq l-Artikoli 32 u 46 tal-Kostituzzjoni, hija inproponibbli.**

<u>**In-non-eżawriment tar-rimedju ordinarju**</u>

Permezz tat-tielet eċċezzjoni tiegħu l-Avukat tal-Istat jinsisti li l-azzjoni odjerna hija intempestiva stante li r-rikorrenti ma eżawriex ir-rimedji ordinarji disponibbli għalih skont il-liġi u għalhekk din il-Qorti għandha tiddeklina milli tieħu konjizzjoni tar-rikors odjern *ai termini* tal-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni.

Fis-sottomissjonijiet tiegħu l-Avukat tal-Istat jispjega li r-rikorrenti kellu rimedju ordinarju jekk ried jattakka ċertu digrieti tal-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) u dan skont l-Artikolu 32(2) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti tosserva d-deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **Jesmond Muscat et v. Avukat Ġenerali** deċiża fid-29 ta' Marzu 2019 fejn l-Avukat Ġenerali kien qajjem eċċezzjoni simili f'ċirkostanzi simili u l-Qorti Kostituzzjonali kkonkludiet is-segwenti:

> *L-intimat isostni li s-subartikolu 32[2] tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jaghti setghat wesghin sabiex qorti civili ordinarja setghet tindirizza l-ilment tar-rikorrenti dwar dawk id-digrieti. Ghandu*

*jinghad ukoll li sahanistra d-digriet stess mahrug mill-Qorti tal-Familja kien haseb ghal rimedju u ghal revizjoni tieghu wara li jintemmu l-investigazzjonijiet. Lanqas ma seta' jinghad li huma ma kellhomx rimedju galadarba t-talbiet taghhom quddiem il-Qorti tal-Familja ma kienux favorevoli. Ghalhekk l-intimat qed jitlob ir-revoka ta' dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-ewwel Qorti ddecidiet li tinqeda bis-setghat konvenzjonali taghha skont il-proviso tas-subartikolu 4[2] tal-Kap. 319.*

*12. Fir-risposta taghhom ir-rikorrenti jiccitaw partijiet mis-sentenza appellata sabiex isahhu l-argument taghhom kontra dak tal-intimat. Jissenjalaw li l-ewwel Qorti sewwa osservat li l-qrati ordinarji mhumiex aditi bil-gurisdizzjoni originali f'materja ta' lezjoni ta' drittijiet l-aktar fondamentali imma l-qrati kompetenti huma l-qrati kostituzzjonali. L-ewwel Qorti wkoll ghamlet riferenza ghall-gurisprudenza ta' din il-Qorti fir-rigward. Irriteniet pero` li, ghalkemm jkun hemm disponibbli rimedju ordinarju, l-ewwel Qorti xorta kellha d-diskrezzjoni li tkompli tisma' l-proceduri kostituzzjonali, b'dana li tali diskrezzjoni kellha tintuza' b'mod prudenti u fl-ahjar interess tal-amministrazzjoni tal-gustizzja. Wara ezami tal-azzjoni li kienu hadu r-rikorrenti permezz tal-prezentata ta' rikorsi quddiem il-Qorti tal-Familja, u dan minghajr success, l-ewwel Qorti affermat il-kompetenza taghha u ddecidiet li tisma' u tiddecidi l-kaz.*

*13. Din il-Qorti ma tistax ma taqbilx mal-ewwel Qorti. Jirrizulta mill-atti li r-rikorrenti ghamlu aktar minn tentattiv wiehed sabiex l-ordni ta' allontanament jigi rivedut, izda dawn kienu minghajr success, u dejjem jibqaghlhom id-dritt li jirrikorru lejn il-Qorti tal-Familja b'talba ohra simili, izda kif sewwa rriteniet l-ewwel Qorti, fil-frattemp l-access ghal binthom baqa' ristrett u din baqghet tghix f'Ghawdex. Huwa proprju dan li jikkostitwixxi l-ilment tar-rikorrenti fir-rigward tal-allegat ksur tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni.* ***L-ilment taghhom quddiem din il-Qorti ma jistax jigi kkunsidrat li jikkostitwixxi appell mid-digriet tal-Qorti Civili [Sezzjoni Familja], izda huwa ilment dwar ksur tad-drittijiet fondamentali taghhom skont l-artikolu precitat****. B'hekk l-ewwel Qorti kienet fil-parametri tal-kompetenza taghha meta ddecidiet li fil-kaz odjern tisma' l-ilment taghhom. Din il-Qorti tissenjala li t-tehid tal-minuri mill-familja taghha hija mizura serja li taffettwa b'mod qawwi lill-minuri u lil familja taghha, partikolarment lil ommha u liz-zewg hutha l-ohra li huma estranei ghall-allegazzjoni maghmula mill-minuri, u t-trapass taz-zmien jkompli jaghmilha aktar impellenti li l-ilment kostituzzjonali jigi trattat u deciz malajr kemm jista' jkun, partikolarment fid-dawl tal-fatt li l-omm hija rikorrent fil-kawza odjerna.*

**Din il-Qorti m'għandha xejn x'iżżid ma dan l-insenjament ħlief li tagħmlu tagħha u għalhekk ser tgħaddi biex tiċħad it-tielet eċċezzjoni tal-Avukat tal-Istat.**

**<u>Kunsiderazzjonijiet fil-mertu:</u>**

Din il-Qorti issa ser tgħaddi sabiex tiddeċiedi l-mertu fir-rigward ta' dawk il-leżjonijiet li ma ġewx hawn fuq diġà ddikjarati improponibbli. Ir-rikorrent permezz tar-rikors tiegħu qiegħed jitlob dikjarazzjoni li l-avvenimenti u ċ-ċirkostanzi kif delineati fir-rikors promotur jammontaw għall-vjolazzjoni tad-drittijiet tiegħu kif sanċiti bl-Artikoli 37, 39, u 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

## <u>L-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni</u>

Ir-rikorrent isostni li d-drittijiet tiegħu kif sanċiti bl-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ġew leżi stante li ma tħalliex juża u jgawdi l-proprjetà li tifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti li hu għandu mal-intimata Woods, u dan meta permezz ta' digriet tal-Qorti tat-8 ta' Lulju 2014, il-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) awtorizzat lill-intimata Woods tikri l-proprjetajiet li kienu jiffurmaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-kontendenti li kienu jinsabu ġewwa Malta.

L-**Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni** jgħid testwalment hekk:

> *37.(1) Ebda proprjetà ta' kull xorta li tkun ma għandu jittieħed pussess tagħha b'mod obbligatorju, u ebda nteress fi jew dritt fuq proprjetà ta' kull xorta li tkun ma għandu jiġi miksub b'mod obbligatorju, ħlief meta hemm disposizzjoni ta' liġi applikabbli għal dak it-teħid ta' pussess jew akkwist*

Il-Qorti tosserva li dan id-dritt mhuwiex bla eċċezzjonijiet u fil-fatt is-sub-artikolu (2) tal-istess artikolu jikkonsisti f'lista pjuttost twila ta' sitwazzjonijiet fejn dan id-dritt ma japplikax. Il-Qorti tagħmel referenza partikolari għas-sub-artikolu (2)(h) u ċjoè:

*"fl-esekuzzjoni ta' sentenzi jew ordnijiet ta' qrati".*

Mhuwiex kontestat li r-raġuni għaliex il-proprjetà *de quo* m'għadiex għad-disponibbilità tar-rikorrent huwa proprju d-digriet tal-Qorti fuq ċitat. B'hekk ċertament li din il-Qorti ma tista' ssib l-ebda leżjoni tad-dritt sanċit bl-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni f'dan ir-rigward.

Inoltre, il-Qorti ma tistax ma tosservax illi una volta li l-kirjiet tal-fondi *de quo* kienu qed iservu u jagħmlu tajjeb għall-manteniment tal-ulied tar-rikorrent stess, ftit jagħmel sens ir-rikorrent illi jilmenta.

**Għalhekk din il-Qorti ser tgħaddi biex tiċħad it-talbiet rikorrenti fir-rigward tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni stante nuqqas ta' sejbien ta' ksur.**

## <u>L-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni</u>

Ir-rikorrent jikkontendi li d-drittijiet tiegħu kif sanċiti bl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ġew leżi mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) stante li r-rikorrent ma ngħatax raġunijiet għad-deċiżjonijiet li ħadet il-Qorti tul is-snin u d-dewmien tal-proċeduri li wasslu sabiex dam snin biex kellu aċċess mhux superviżjonat ma' ibnu u li għad m'għandux

proprjetà fejn jirrisjedi f'Malta. Isostni wkoll li hemm leżjoni tal-istess dritt stante n-nuqqas ta' possibilità ta' appell minn deċiżjoni tal-Qorti li tiddikjara talba għal referenza kostituzzjonali bħala fieragħ u vessatorja.

Issa l-Qorti tqis illi l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni huwa intiż sabiex jiggarantixxi smigħ xieraq lil kull parti f'kawża ċivili (f'dan il-każ). Il-Qorti hawnhekk tfakkar li hi mhijiex Qorti tal-Appell u għalhekk bl-ebda mod m'għandha tiddisturba l-apprezzament tal-fatti magħmula minn Qorti oħra sakemm ma jiġix ippruvat lilha li kien hemm xi ħaġa intrinsikament ħażina jew qarrieqa fi proċedura li twassal sabiex verament ikun hemm leżjoni tad-dritt tas-smigħ xieraq.

Il-Qorti fliet bir-reqqa l-provi miġjuba quddiema miż-żewġ partijiet u tinnota li għalkemm il-proċess ta' quddiemha huwa wieħed voluminuż, mhu xejn meta kkumparat mal-proċess li jinsab quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja). Ir-rikorrent ipprovda lil din il-Qorti selezzjoni mill-proċess fl-intier tiegħu sabiex il-Qorti tissimpatizza mal-verżjoni tiegħu, mentri mill-banda l-oħra l-intimata Wood ippruvat timla' l-vojt li ħalla r-rikorrent sabiex il-Qorti jkollha viżjoni aħjar tal-fatti.

Madanakollu, ir-rikorrent ma wera mkien kif seta' ġie leż id-dritt tiegħu għas-smigħ xieraq u dan hu evidenti mill-fatt li bl-ammont ta' rikorsi li ntavola, hija inkonċepibbli li l-Qorti ma semgħatux. Din il-Qorti tinnota wkoll li kull rikors kien adegwatament indirizzat fis-sens li kien hemm iż-żmien għar-risposti u mbagħad il-Qorti tat id-deċiżjoni tagħha. L-uniku ilment li donnu għandu r-rikorrent hu li l-Qorti tal-Familja ma qablitx miegħu.

Fir-rigward tad-dewmien, l-argument bażiku tar-rikorrent hu li l-Qorti tal-Familja damet biex inkarigat espert sabiex jirraporta dwar is-saħħa mentali tiegħu u din il-Qorti hawn tistaqsi: ir-rikorrent talab qabel sabiex jiġi mqabbad l-imsemmi espert?

Minn dak li għandha quddiemha l-Qorti llum ma jirriżultax li din it-talba kienet qatt saret u meta saret, il-Qorti akkordata minnufih. B'hekk id-dewmien fuq dan il-punt kien attriwibbli biss għar-rikorrent innifsu. Ma kien hemm xejn x'jimpedixxi lir-rikorrent milli fi kwalunkwe punt jitlob għall-ħatra tal-imsemmi espert biex jipprova dak li ried dwar l-istat mentali tiegħu. Dwar dan il-punt din il-Qorti żżid li l-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) ma tistax titqies illi żbaljat meta tefgħet l-oneru ta' dik il-prova proprju fuq ir-rikorrent. Hawnhekk il-Qorti tfakkar li dan huwa każ li jikkonċerna minuri li potenzjalment seta' kien f'ambjent perikoluż.

Din il-Qorti tqis illi l-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) ma kinitx mistennija illi taqbad u tafda minuri waħedha ma persuna 'allegatament' mentalment instabbli. Anke jekk kienet allegazzjoni bla bażi, (u hawnhekk il-Qorti tagħmilha ċara li meta allegazzjoni ta' din in-natura ssir għandha ssir b'responsabbilità kbira), xorta l-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) m'għandha bl-ebda mod ma tieħux dik l-allegazzjoni bis-serjetà u tieħu l-miżuri neċessarji, kif fil-fatt għamlet.

**Din il-Qorti temfasizza li ma tistax issib l-ebda vjolazzjoni tad-drittijiet tas-smigħ xieraq jekk kemm-il darba Qorti tkun ħadet azzjoni u deċiżjoni a bażi ta' protezzjoni u kawtela ta' minuri jew persuna ohra vulnerabbli, li jista' potenzjalment ikun f'periklu.** U ma dan iżżid li jekk kemm-il darba r-rikorrent kellu verament interess li jkollu l-aċċess mixtieq ma' ibnu kellha tiġi minnu li jipprova li l-allegazzjonijiet fir-rigward tas-saħħa mentali tiegħu kienu fieragħ u ma kellux

għalfejn jistenna dak iż-żmien kollu sabiex jitlob il-ħatra ta' espert filwaqt illi joqgħod jistenna lil minn għamel l-allegazzjoni jippruvaha.

Fir-rigward tad-dewmien, il-Qorti rat l-ammont ta' rikorsi li ntavola r-rikorrent tul is-snin u ma tistax ma tikkummentax dwar il-volum esaġerat ta' mhux biss rikorsi, iżda, agħar minn hekk, rikorsi ripetuti li naturalment kollha ħadu l-ħin tagħhom. Dawn jinkludi erba' talbiet, kważi identiċi, sabiex issir referenza kostituzzjonali la darba kienu diġà konklużi l-provi. Huwa prinċipju stabbilit li wieħed ma jistax jilmenta minn dewmien fi proċeduri meta l-istess dewmien huwa attriwibbli l-aġir tiegħu stess.

Din il-Qorti tħoss li hawnhekk għandha tgħaddi osservazzjoni fis-sens li l-ilmenti tar-rikorrent kultant huma kontradittorji u ċjoè, ir-rikorrent filli jilmenta li l-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) tgħaġġel u toqgħod fuq l-allegazzjonijiet mingħajr ma tqis il-pożizzjoni tiegħu (li fil-fehma ta' din il-Qorti mhuwiex il-każ) u mill-banda l-oħra jilmenta li l-Qorti qed tieħu wisq żmien. Wieħed irid japprezza li kull rikors ta' din il-portata li jiġi quddiem il-Qorti jrid il-ħin u ż-żmien tiegħu u jekk dan ma jingħatax imbagħad verament wieħed ikun jista' jilmenta minn leżjoni tad-dritt għas-smigħ xieraq.

Finalment, din il-Qorti hawnhekk tappella għal buon sens tal-partijiet sabiex ipoġġu l-ewwel u qabel kollox l-interessi ta' uliedhom, u mhux ta' dak biss li hu minuri, iżda ta' wliedhom kollha, u jagħmlu dak kollu li jistgħu biex uliedhom ma jibqgħux isofru minħabba l-piki ta' bejniethom li fl-aħħar mill-aħħar mhu ser ikunu ta' benefiċċju għal ħadd, lanqas għall-istess partijiet.

Jonqos biss li l-Qorti tqis in-nuqqas ta' disponibbilità ta' appell minn digriet li jiddikjara talba għal referenza kostituzzjonali bħala fiergħa u vessatorja li r-rikorrenti jsostni li hija leżjoni tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni.

Din il-Qorti fliet sew l-Artikolu 6 tal-Kostituzzjoni li jgħid testwalment hekk:

> ***6.****Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikoli (7) u (9) tal-artikolu 47 u tal-artikolu 66 ta' din il-Kostituzzjoni, jekk xi liġi oħra tkun inkonsistenti ma' din il-Kostituzzjoni, din il-Kostituzzjoni għandha tipprevali u l-liġi l-oħra għandha, safejn tkun inkonsistenti, tkun bla effett.*

Isegwi għalhekk, li l-Kostituzzjoni ma tikkontemplax sitwazzjoni fejn xi artikolu mill-Kostituzzjoni jista' jkun inkompatibbli mal-Kostituzzjoni nnifisha u għalhekk l-operazzjonijiet tal-Artikolu 46(5) ma jistgħux jiġu attakkati fil-kuntest tal-Artikolu 39. Kif diġà dettat aktar 'il fuq, l-intenzjoni tal-leġislatur kienet waħda u ċara - li ma jkunx hemm appelli minn deċiżjoni li tiddikjara talba għal referenza kostituzzjonali bħala fiergħa u/jew vessatorja u dana biex il-kawżi jkun jistgħu jipprogressaw.

**Għalhekk, kemm fir-rigward ta' kif ipproċediet il-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) tul il-proċeduri u kif ukoll fir-rigward tal-ilment illi ma hemmx appell minn digriet ta' Qorti dwar referenza kostituzzjonali, din il-Qorti ma ssib l-ebda vjolazzjoni tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u għalhekk ser tgħaddi biex tiċħad it-talbiet tar-rikorrent f'dan ir-rigward.**

**<u>L-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni</u>**

Dan l-Artikolu jipprovdi testwalment hekk:

> ***45**.(1) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikoli (4), (5) u (7) ta' dan l-artikolu, ebda liġi ma għandha tagħmel xi disposizzjoni li tkun diskriminatorja sew fiha nnifisha jew fl-effett tagħha.*
>
> *(2) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikoli (6), (7) u (8) ta' dan l-artikolu, ħadd ma għandu jiġi trattat b'mod diskriminatorju minn xi persuna li taġixxi bis-saħħa ta' xi liġi miktuba jew fil-qadi tal-funzjonijiet ta' xi kariga pubblika jew xiawtorità pubblika.*
>
> *(3) F'dan l-artikolu, il-kelma "diskriminatorju" tfisser għoti ta'trattament differenti lil persuni differenti attribwibbli għal kollox jew prinċipalment għad-deskrizzjoni tagħhom rispettiva skont ir-razza, post ta' oriġini, opinjonijiet politiċi, kulur, fidi, sess, orjentazzjoni sesswali jew identità tal-ġeneru li minħabba fihompersuni ta' deskrizzjoni waħda bħal dawn ikunu suġġetti għal inkapaċitajiet jew restrizzjonijiet li persuni ta' deskrizzjoni oħra bħal dawn ma jkunux suġġetti għalihom jew ikunu mogħtija privileġġi jew vantaġġi li ma jkunux mogħtija lil persuni ta'deskrizzjoni oħra bħal dawn.*

Il-Qorti tosserva l-insenjament tal-Qorti Kostituzzjonali fid-deċiżjoni tagħha fl-ismijiet **Catherine Curmi v. Avukat tal-Istat et** deċiża fit-22 ta' Ġunju 2023, fejn il-Qorti sabet li:

> *Fir-rigward tal-ilment a bazi tal-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni il-Qorti tqis illi huma fondati l-eccezzjonijiet tal-konvenuti fis-sens illi d-diskriminazzjoni ilmentata mill-attrici m'hijiex ibbazata fuq wahda mir-ragunijiet projbiti mill-Kostituzzjoni. Skont l-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni m'hijiex kull tip ta' diskriminazzjoni li hija projbita izda biss dik id-diskriminazzjoni "…attribwibbli ghal kollox jew principalment ghad-deskrizzjoni taghhom rispettiva skont ir-razza, post ta' origini, opinjonijiet politici, kulur, fidi, sess,orjentazzjoni sesswali jew identità tal-generu…"* ***Peress illi ma jirrizultax illi l-ilment dwar diskriminazzjoni f'dan il-kaz qed isir taht xi wiehed mill-irjus elenkati b'mod ezawrijenti fil-ligi, dan l-ilment huwa wkoll insostenibbli.***[6]

Kif ukoll id-deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **Juan Miguel sive Miguel Xuereb et v. L-Avukat tal-Istat** deċiża fid-9 ta' Ottubru 2023, fejn il-Qorti waslet għas-segwenti konklużjoni:

> *41. Fir-rigward tal-ilment a bażi tal-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni, l-Qorti tqis illi skont l-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni hija projbita dik id-diskriminazzjoni attribwibbli għal kollox jew prinċipalment għad-deskrizzjoni tagħhom rispettiva skont ir-razza, post ta' oriġini,*

---

[6] Emfażi tal-Qorti

*opinjonijiet politiċi, kulur, fidi, sess, orjentazzjoni sesswali jew identità tal-ġeneru.* ***Peress illi ma jirriżultax illi l-ilment dwar diskriminazzjoni f'dan il-każ qed isir taħt xi wieħed mill-irjus elenkati b'mod eżawrijenti fil-liġi, dan l-ilment huwa insostenibbli.*** [7]*Għaldaqstant l-ilmenti tar-rikorrenti abbażi tal-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea qiegħdin jiġu miċħuda.*

Applikat dan l-insenjament għall-każ odjern jirriżulta li fil-mori tal-proċeduri r-rikorrent ma ġab ebda prova li turi li l-lanjanza tiegħu hija bbażata fuq xi waħda mill-kawżali elenkati fl-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni. Isegwi għalhekk li bl-ebda mod ma jista' jingħad li l-allegata diskriminazzjoni tista' tiġi kklassifikata taħt waħda mill-kawżali tal-Artikolu 45 u **b'hekk din il-Qorti ser tkun qed tiċħad it-talbiet tar-rikorrent anke f'dan ir-rigward.**

**<u>L-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea</u>**

L-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea jaqra hekk:

> *"Kull min ikollu miksura d-drittijiet u l-libertajiet tiegħu kontemplati f'din il-Konvenzjoni għandu jkollu rimedju effettiv quddiem awtorità nazzjonali għalkemm dak il-ksur ikun sar minn persuni li jkunu qed jaġixxu f'kariga uffiċjali."*

Il-Qorti tirreferi għal "*Guide on Article 13 of the European Convention on Human Rights*" (Updated 30.04.2021) fejn jingħad:

> *In the case of* ***Walter v. Italy*** *(dec.), 2006, the substantive complaints were declared inadmissible as manifestly ill-founded given that there was not even an appearance of a justified complaint against the respondent State. Thus Article 13 did not apply and this part of the application was incompatible ratione materiae with the Convention provisions.*
>
> *In the case of* ***Al-Shari and Others v. Italy*** *(dec.), 2005, the considerations as to the factual elements which had led the Court to dismiss the applicants' complaints under the substantive provision relied upon led it to conclude, under Article 13, that there was no arguable complaint. Consequently, Article 13 did not apply and this part of the application was inadmissible as manifestly ill-founded.*

Jingħad ukoll:

> ***The finding of a violation of another Convention provision is not a prerequisite for the application of Article 13*** *(Camenzind v. Switzerland, 1997, § 53; Hatton and Others v. the United Kingdom [GC], 2003, §§ 130, 137 and 142; Nuri Kurt v. Turkey, 2005 § 117; Ratushna v. Ukraine, 2010, § 85). Notwithstanding its wording, Article 13 may come*

---

[7] Emfazi tal-Qorti

*into play even without a violation of another provision – one of the so-called "substantive" Articles – of the Convention (Klass and Others v. Germany, 1978, § 64). A person cannot establish a violation before a "national authority" unless he is first able to lodge with such an "authority" a complaint to that effect. Consequently, it cannot be a prerequisite for the application of Article 13 that the Convention be in fact violated. Article 13 guarantees the availability within the national legal order of an effective remedy to enforce the Convention rights and freedoms – and therefore to complain of an inability to exercise them – in whatever form they may happen to be secured (Lithgow and Others v. the United Kingdom, 1986, § 205). Thus even if the Court has found no violation of a provision, the complaint may remain "arguable" for the purposes of Article 13 (Valsamis v. Greece, 1996, § 47; Ratushna v. Ukraine, 2010, § 85).*

Il-Qorti tqis għalhekk illi filwaqt illi l-lanjanzi tar-rikorrent a bażi ta' artikoli sostantitivi tal-Konvenzjoni ġew mistħarrġa mill-Qorti kompetenti fejn tqajmu, ċertament ma jistax jingħad illi l-leġislazzjoni Maltija ma tipprovdix għall-miżuri u proċeduri dwar kif persuna illi jħossu aggravat b'lanjanza jista' jimxi u jipproċedi. Ċertament illi ma jistax jingħad illi fil-ġurisdizzjoni Maltija ma hemmx proċedura idoneju u applikata sabiex persuna illi jħossu aggravat b'lezjoni ta' dritt sanċit fil-Konvenzjoni jieħu r-rimedji effettivi kif trid il-liġi stess. Kieku dan kien il-każ, lanqas qed isir id-dibattitu odjern.

**Għalhekk, din il-Qorti ser tgħaddi biex tiċħad it-talbiet rikorrenti anke f'dan ir-rigward.**

**<u>Decide</u>**

**GĦALDAQSTANT, wara l-konsiderazzjonijiet hawn fuq magħmula, din il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi tiddisponi mill-eċċezzjonijiet sollevati kif hawn fuq premess filwaqt illi tilqa' l-bqija tal-eċċezzjonijiet u tiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrent bl-ispejjeż kontra tieghu.**

**Onor. Ian Spiteri Bailey**
**Imħallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Reġistratur**